Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2014

L-Onor. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta
4 ta' Novembru, 2013

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi
Triq in-Nofs in-Nhar,
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 24 96 40
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**

**Malta.** *Ministry for Finance*
Diskors tal-Baġit, 2014 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2014

14, 62p. ; 24cm.

ISBN: 978-99932-94-77-1

1. Budget – Malta
I. Title II. Edward Scicluna

352.494585013

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 25 05 50

Mitbugh: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

## WERREJ


| | *Paġna* |
|---|---|
| INTRODUZZJONI | 1 |
| AĠĠUSTAMENT FISKALI LI JINĊENTIVA X-XOGĦOL | 8 |
| INRAĦĦSU L-KONTIJIET TAD-DAWL U TAL-ILMA | 15 |
| NINĊENTIVAW IX-XOGĦOL | 17 |
| INSAĦĦU L-ĦILIET EDUKATTIVI U VOKAZZJONALI | 21 |
| DIVERSIFIKAZZJONI F'SETTURI U SWIEQ ĠODDA | 23 |
| INVESTIMENT FL-AMBJENT TA' PAJJIŻNA | 31 |
| SIGURTÀ NAZZJONALI | 35 |
| NIBNU SISIEN SODI GĦAL-QASAM TAS-SAĦĦA | 36 |
| TKABBIR EKONOMIKU LI JILĦAQ LIL KULĦADD | 40 |
| ŻVILUPP EKONOMIKU U XOGĦOL F'GĦAWDEX | 46 |
| NINĊENTIVAW L-OQSMA TAL-ISPORT U TAL-KULTURA | 47 |
| GĦELUQ | 52 |

# INTRODUZZJONI

F'Marzu li għadda l-poplu Malti, b'maġġoranza ċara, għamel għażla. Ivvota biex ikun hawn bidla fid-direzzjoni tat-tmexxija tal-Gvern. Ivvota għall-istabbilità. Ried kontinwità f'dak kollu li fil-pajjiż kien miexi tajjeb, iżda ħass li kien wasal iż-żmien li nibdew naraw, b'mod frisk u b'aktar enerġija, l-mod kif noħorġu mill-bir bla qiegħ ta' defiċits u djun, li seta' jwassal lill-pajjiż għall-falliment.

Bil-baġit għal din is-sena, li l-Kamra approvat aktar kmieni f'April li għadda, il-Gvern Ġdid żamm kelmtu. F'ġiegħ il-kontinwità u l-istabbilità tal-pajjiż approvajna l-baġit li sibna quddiemna. Dawk li dakinhar ma fehmux, illum japprezzaw li l-istabbilità u n-nuqqas ta' inċertezza huma riżorsa li biha l-pajjiż qed jattira aktar investiment li jkattar ix-xogħol.

Illum b'dan il-Baġit il-Gvern se jżomm it-tieni wegħda tiegħu. Dik li nbiddlu d-direzzjoni lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli li jilħaq lil kulħadd. Il-programm elettorali llum sar il-programm tal-Gvern, huwa ċar dwar dan. Issa b'dan il-baġit, se nuru kif se nwettqu l-ewwel fażi ta' dan il-pjan.

Infakkru li r-realtà finanzjarja tal-Gvern, kif sibniha, kienet differenti minn dik murija mill-Gvern ta' qabel. Ma kinitx sorpriża għal ħadd li l-pajjiż kien qed jonfoq ferm iżjed milli jdaħħal. Li l-kredibilità ta' pajjiżna mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Fond Monetarju Internazzjonali u mal-Aġenziji ta' kreditu kienet kważi ntilfet għal kollox. Li l-pajjiż kien daħal fi sqaq li Gvern għajjien u bla ideat ma setax joħorġu minnu.

Dan il-baġit ġie mfassal fuq pjan. Mhuwiex xi *accounting exercise* biex iqassam lil xi dipartiment jew ieħor "għax hekk kien isir fil-passat". Kull miżura ta' dan il-baġit ġiet mgħarbla sew u dawk biss li l-iktar jissodisfaw l-ogħla prijoritajiet tal-Gvern ġew magħżula.

L-ewwel prijorità hi li kull spiża tirrispetta l-prinċipju li Gvern għandu jonfoq skont ma l-pajjiż jiflaħ. L-għaqal hekk jitlob. Jekk ma nagħmlux hekk inkunu rresponsabbli, nitfgħu l-piżijiet żejda fuq it-tfal tagħna, u nitilfu r-reputazzjoni ta' pajjiżna.

It-tieni prijorità hi li nwaqqgħu l-ispiża tal-ġenerazzjoni tal-enerġija għal pajjiżna. Ħafna ma emmnux il-preparamenti serji li kellna qabel l-elezzjoni u ħasbuha xi ħrafa. Illum qed naraw li qed issir realtà.

It-tielet hi li nkabbru l-potenzjal tal-ekonomija biex pajjiżna jilħaq rati ogħla ta' tkabbir ekonomiku li jwasslu sabiex kull Malti u Għawdxi jkollu livell tal-għajxien mhux inqas minn dak li jitgawda f'pajjiżi Ewropej aħjar minna. Dan isir billi fuq kull livell ninċentivaw lil min illum mhux jaħdem sabiex jagħmel dan. Dan il-baġit se jiffoka fuq il-bżulija, fuq il-prinċipju ta' *Making Work Pay*.

Ir-raba' hi li naqtgħu l-ħela u l-burokrazija żejda li qed tiswa lill-Gvern ħafna flus iżda l-agħar hu li toħnoq kull attentat minn min irid jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u t-tkattir tax-xogħol.

Il-ħames hi li niddiversifikaw l-attività ta' pajjiżna fuq kull qasam tal-manifattura u s-sevizzi li jrendi lil pajjiżna, u fuq kull kontinent li jrid jaħdem magħna. Ma nistgħux ningħalqu fuq xi settur partikulari jew grupp wieħed ta' pajjiżi, għaliex mhux biss inkunu qed nitilfu opportunitajiet li nikbru iżda nżidu r-riskju li pajjiżna jiddependi minn xi ftit setturi ewlenin.

Is-sitt prijorità hi li kull servizz soċjali tal-Gvern jitpoġġa fuq sisien sodi u li jkunu sostenibbli. L-edukazzjoni, is-saħħa, il-penzjonijiet, il-kura tal-anzjani, is-servizzi soċjali lill-familji fil-bżonn u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali, il-protezzjoni tal-ambjent, is-servizz effiċjenti tal-qrati u t-tgawdija tal-ħin liberu tal-familja huwa dak li jgħolli l-livell tal-għajxien tagħna l-Maltin. Jekk dawn inħalluhom dgħajfa, inkunu qed nitfgħu l-problemi taħt it-tapit u nkunu qed nidħqu bina nfusna.

Dan kollu nagħmluh bit-twemmin li l-Gvern qiegħed hemm sabiex joħloq ambjent ekonomiku u regolatorju li jagħti spazju u jwieżen lill-intrapriża privata u lil min irid jinvesti. Aħna nemmnu li s-settur privat għandu jkun il-mutur ewlieni tal-ekonomija.

Il-mira tagħna hi li b'riżultat ta' dan il-baġit u dawk ta' warajh, il-familji tagħna jħossuhom li qegħdin jgħixu aħjar minn qabel u n-negozji jmorru aħjar. B'hekk noħolqu Malta Aktar b'Saħħitha, Malta Aktar Ġusta.

**Sfond Ekonomiku u Finanzjarju**

Ħa naraw fejn ninsabu ekonomikament u finanzjarjament. Għalkemm hemm sinjali inkoraġġanti ta' rkupru fl-ekonomija internazzjonali u dawk tal-pajjiżi li Malta għandha relazzjonijiet ekonomiċi magħhom, l-instabbilità ekonomika u finanzjarja internazzjonali għadha ma ntemmitx. Il-qgħad fiż-Żona tal-Ewro għadu għoli ferm u t-tkabbir ekonomiku dgħajjef.

Minkejja dan, u minkejja li għaddejna minn elezzjoni ġenerali u bidla fil-Gvern, din is-sena, b'mod konservattiv ħafna qed nanticipaw li t-tkabbir ekonomiku jkun ta' 1.2% iżda hemm il-possibilità li dan jkun aħjar minn hekk.

Sat-tieni kwart tas-sena, il-pajjiż irnexxielu jżid l-impjiegi b'rata ta' 3.0%, l-akbar rata ta' tkabbir fl-Ewropa. Skont l-aħħar statistika mill-Eurostat, ir-rata tal-qgħad tagħna ta' 6.4% hija fost l-anqas fl-Unjoni Ewropea. Dan irrifletta fit-tkabbir ekonomiku fit-tieni kwart ta' 3.6%.

Iż-żieda fil-prezzijiet qiegħda kull ma tmur tonqos tant li r-rata annwali tal-inflazzjoni f'Settembru tas-sena li ghaddiet kienet ta' 2.9%. F'Settembru ta' din is-sena, ir-rata waqgħet għal 0.6%.

Ix-xejra fil-finanzi pubbliċi hija inkoraġġanti. Fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, kemm id-dħul kif ukoll il-ħruġ kienu jitqabblu tajjeb ma' dak li kien previst xahar b'xahar għal din is-sena. Dan sar mingħajr diskors ta' qtigħ il-qalb, iżda b'sens ta' realiżmu u ħidma teknika, effiċjenti u kwieta. Dan kollu jsaħħah il-fehma tal-Gvern illi l-mira ta' 2.7% għad-defiċit se tintlaħaq din is-sena.

Aktar dettalji dwar il-qagħda ekonomika jinsabu fl-*Economic Survey*. Ma' dan il-baġit, qegħdin noħorġu wkoll għall-ewwel darba, pubblikazzjoni ġdida li tispjega l-baġit b'aktar dettall.

### Ħarsa Ekonomika `l Quddiem

Għas-sena d-dieħla qegħdin nipprevedu tkabbir ekonomiku ta' madwar 1.7%. Il-baġit huwa maħdum fuq din il-previżjoni pjuttost konservattiva għalkemm hija xorta ogħla mill-medja Ewropea. Għalkemm aħna ottimisti illi t-tkabbir ekonomiku jiżboq dan it-tbassir, ridna nkunu prudenti. Dan minkejja li l-aġenziji internazzjonali qed ibassru li l-ekonomija Maltija se tikber saħansitra b'aktar. Is-soltu, Malta tkun ikkritikata għaliex jgħidu li t-tbassir tagħna jkun ottimist iżżejjed. Din id-darba aħna kawti aktar mill-aġenziji. Tajjeb illi wieħed jinnota illi għall-ewwel darba fl-istorja, il-previżjonijiet ekonomiċi tal-Gvern, li huma l-bażi għall-baġit, ġew evalwati, ukoll, mill-Awditur Ġenerali.

### Qagħda Finanzjarja

Fis-sena kurrenti, id-dħul tal-Gvern mistenni li jkun ta' ftit aktar minn 3.05 biljun ewro. In-nefqa totali mistennija tlaħħaq ftit aktar minn 3.23 biljun ewro. L-iżbilanċ fil-Fond Konsolidat mistenni jkun ta' 179.8 miljun ewro. Qegħdin nistmaw li nispiċċaw din is-sena b'defiċit ta' 191.3 miljun ewro jew inkella ta' 2.7% tal-Prodott Domestiku Gross. Fi ftit xhur se nkunu nżilna taħt it-3%.

Aktar dettalji jinstabu f'Tabella 1 u fl-i*Statements* A, B u C li qegħdin annessi ma' dan id-diskors.

Għas-sena li ġejja, id-dħul tal-Gvern huwa stmat li se jkun ftit aktar minn 3.27 biljun ewro. In-nefqa totali mistennija tkun ta' ftit aktar minn 3.41 miljun ewro. L-iżbilanċ fil-Fond Konsolidat mistenni jkun ta' 136.3 miljun ewro. Is-sena d-dieħla, l-iżbilanċ tal-Gvern estiż huwa stmat li se jkun ta' 151.7 miljun ewro jew inkella ta' 2.1% tal-Prodott Gross Domestiku. B'hekk id-defiċit se jkun qiegħed jerġa' jonqos. Aktar dettalji flimkien mat-tbassir għas-sena 2015 u 2016 jinstabu f'Tabella 2.

Matul is-sena d-dieħla l-Gvern qed jimmira li jissellef l-ammont ta' 650 miljun ewro. Aktar dettalji dwar id-dejn tal-Gvern estiż għas-snin li ġejjin jinstabu f'Tabella 3.

*Tabella 1*

**IL-QAGĦDA FISKALI 2012 - 2013**

| | 2012 | | 2013 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali<br>€ '000 | | Approvat<br>€ '000 | | Rivedut<br>€ '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,392,966 | | 2,639,678 | | 2,637,000 | |
| Dħul Ieħor | 322,766 | | 390,818 | | 413,579 | |
| Dħul Totali | | 2,715,732 | | 3,030,496 | | 3,050,579 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,488,423 | | 2,572,090 | | 2,596,900 |
| Nefqa Kapitali | | 343,777 | | 386,924 | | 405,479 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | (116,468) | | 71,482 | | 48,200 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 225,807 | | 235,282 | | 228,000 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 1,502 | | 223,124 | | 225,679 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(342,275)** | | **(163,800)** | | **(179,800)** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(349,757)* | | *(370,283)* | | *(370,283)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(4,857)* | | *(4,059)* | | *(4,059)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,716)* | | *(6,475)* | | *(6,475)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(53,392)* | | *(51,796)* | | *(65,618)* | |
| *Faċilita` ta' Self lir-Repubblika Ellenika* | *0* | | *-* | | *-* | |
| *Faċilita` ta' Self lill-Air Malta plc* | *(52,000)* | | *-* | | *-* | |
| *EFSF Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *52,000* | | *2* | | *31* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *28,425* | | *28,343* | | *28,380* | |
| *Bejgħ ta' Non-Financial Assets* | *-* | | *-* | | *1,500* | |
| *Bejgħ ta' Assi* | *-* | | *-* | | *-* | |
| | | *(386,297)* | | *(408,768)* | | *(421,024)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(728,572)* | | *(572,568)* | | *(600,824)* |
| *Self Barrani* | | *-* | | *-* | | *-* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *2,797* | | *(80,123)* | | *(80,123)* | |
| *Self Lokali* | *645,652* | | *650,000* | | *630,000* | |
| | | *648,449* | | *569,877* | | *549,877* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(80,123)* | | *(2,691)* | | *(50,947)* |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(342,275)** | | **(163,800)** | | **(179,800)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **116,818** | | **(27,500)** | | **(11,500)** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(225,457)** | | **(191,300)** | | **(191,300)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **6,829,500** | | **6,978,790** | | **7,082,190** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-3.3%** | | **-2.7%** | | **-2.7%** | |

## IL-QAGĦDA FISKALI 2012 - 2016

| | 2012 Attwali € '000 | | 2013 Rivedut € '000 | | 2014 Estimi € '000 | | 2015 Estimi € '000 | | 2016 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,392,966 | | 2,637,000 | | 2,806,477 | | 2,964,005 | | 3,093,702 | |
| Dħul Ieħor | 322,766 | | 413,579 | | 466,441 | | 439,937 | | 435,423 | |
| Dħul Totali | | 2,715,732 | | 3,050,579 | | 3,272,918 | | 3,403,942 | | 3,529,125 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,488,423 | | 2,596,900 | | 2,721,675 | | 2,810,720 | | 2,895,193 |
| Nefqa Kapitali | | 343,777 | | 405,479 | | 452,800 | | 429,775 | | 430,800 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | (116,468) | | 48,200 | | 98,443 | | 163,447 | | 203,132 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 225,807 | | 228,000 | | 234,743 | | 240,047 | | 247,947 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 1,502 | | 225,679 | | 316,500 | | 353,175 | | 385,985 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(342,275)** | | **(179,800)** | | **(136,300)** | | **(76,600)** | | **(44,815)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(349,757)* | | *(370,283)* | | *(511,661)* | | *(349,377)* | | *(474,489)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(4,857)* | | *(4,059)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,716)* | | *(6,475)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Specjali MGS* | - | | - | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(53,392)* | | *(65,618)* | | *(28,855)* | | *(44,159)* | | *(12,100)* | |
| *Faċilita` ta' Self lir-Repubblika Ellenika* | *0* | | - | | - | | - | | - | |
| *Faċilita` ta' Self lill-Air Malta plc* | *(52,000)* | | - | | - | | - | | - | |
| *EFSF Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *52,000* | | *31* | | *2* | | *40,002* | | *12,002* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *28,425* | | *28,380* | | - | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Non-Financial Assets* | - | | *1,500* | | *2,000* | | *2,000* | | *2,000* | |
| *Bejgħ ta' Assi* | - | | - | | - | | - | | - | |
| | | *(386,297)* | | *(421,024)* | | *(602,740)* | | *(415,760)* | | *(536,813)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(728,572)* | | *(600,824)* | | *(739,040)* | | *(492,360)* | | *(581,628)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *2,797* | | *(80,123)* | | *(50,947)* | | *(139,987)* | | *(182,347)* | |
| *Self Lokali* | *645,652* | | *630,000* | | *650,000* | | *450,000* | | *550,000* | |
| | | *648,449* | | *549,877* | | *599,053* | | *310,013* | | *367,653* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(80,123)* | | *(50,947)* | | *(139,987)* | | *(182,347)* | | *(213,975)* |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(342,275)** | | **(179,800)** | | **(136,300)** | | **(76,600)** | | **(44,815)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **116,818** | | **(11,500)** | | **(15,400)** | | **(43,400)** | | **(13,185)** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(225,457)** | | **(191,300)** | | **(151,700)** | | **(120,000)** | | **(58,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **6,829,500** | | **7,082,190** | | **7,351,320** | | **7,630,660** | | **7,905,930** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-3.3%** | | **-2.7%** | | **-2.1%** | | **-1.6%** | | **-0.7%** | |

*Tabella 3*

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | | | | | **€ '000** |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2012** | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** |
| *Stocks* tal-Gvern | 4,322,778 | 4,570,940 | 4,663,065 | 4,713,688 | 4,739,199 |
| *Bills* tat-Teżor | 154,133 | 176,701 | 265,741 | 308,103 | 339,733 |
| Self Lokali ma' Banek Kummerċjali | 56,379 | 56,379 | 56,379 | 56,379 | 0 |
| Self minn Barra | 61,946 | 50,983 | 40,370 | 29,778 | 19,354 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 89,633 | 88,227 | 88,227 | 88,227 | 88,227 |
| Munita | 50,098 | 54,400 | 58,600 | 62,900 | 67,000 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 135,951 | 166,190 | 166,190 | 166,190 | 166,190 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **4,870,918** | **5,163,820** | **5,338,572** | **5,425,265** | **5,419,703** |
| Prodott Domestiku Gross | 6,829,500 | 7,082,190 | 7,351,320 | 7,630,660 | 7,905,930 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **71.32%** | **72.91%** | **72.62%** | **71.10%** | **68.55%** |

### Kumpens Għall-Għoli tal-Ħajja

Is-sena d-dieħla, iż-żieda għall-għoli tal-ħajja se tkun ta' 3.49 ewro fil-ġimgħa. Din iż-żieda hija maħduma skont il-mekkaniżmu maqbul bejn l-imsieħba soċjali. Sadattant, se jinbedà il-*Household Budgetary Survey* sabiex jiġi aġġornat l-indiċi tal-prezzijiet.

## AĠĠUSTAMENT FISKALI LI JINĊENTIVA X-XOGĦOL

### Miżuri Ta' Dħul

F'dan il-baġit, il-Gvern mhux se jdaħħal taxxi ġodda. L-ispekulazzjoni minn xi wħud li riedu jbeżżgħu kienet bla bażi. Il-miżuri ta' dħul huma mibnija fuq taxxi tas-sisa eżistenti u li prattikament jiċċaqilqu f'kull baġit.

Ir-rata ta' sisa fuq is-sigaretti u t-tabakk, il-fjuwil, is-*cement*, ix-xorb alkoħoliku u l-birra, kif ukoll ir-rata ta' taxxa fuq il-fjuwil bunkers se jinbidlu. Se tiddaħħal ukoll sistema ta' rkupru tal-ispejjeż tal-*banderoles*. Dettalji qed jiġu murija fit-tabelli fl-Annessi 1 u 2 ma' dan id-diskors. Ħlief għas-sisa fuq il-fjuwil, is-sisa l-oħra u t-taxxa fuq il-fjuwil bunkers jidħlu fis-seħħ mil-lum. Is-sisa fuq il-fjuwil tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Għalkemm se jkun hemm żieda żgħira fis-sisa fuq il-petrol u d-*diesel*, għandi l-pjaċir li nħabbar li l-prezz tad-diesel xorta mhux se jogħla għaliex irnexxielna ninnegozjaw prezz stabbli għal bejn Jannar u Marzu tas-sena d-dieħla. B'hekk se nkunu għamilna 6 xhur bi prezz tad-*diesel* stabbli. Min naħa l-oħra, għadna qegħdin ninnegozzjaw fuq il-petrol u s'issa wasalna li dan jogħla b'ċenteżmu wieħed biss minn Jannar li ġej.

Din turi d-differenza bejn dan il-Gvern u ta' qablu.  Aħna mhux naqbdu u ngħabbu fuq il-familji u n-negozji iżda naħdmu biex ngħinuhom għaliex aħna mal-familji u n-negozji. B'hekk iġġibha l-istabbilità.

Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-liċenzji tal-karozzi se jinbidlu kif murija fl-Anness 3 ma' dan id-diskors, iżda l-liċenzji tal-karozzi żgħar li ġew irreġistrati wara l-2009 u b'$CO_2$ ta' bejn 0 u 100 gramma se jibqgħu l-istess.

Huwa stmat li dan it-tibdil se jirrendi lill-Gvern madwar 21.4 miljun iżjed fi dħul.

### Investiment fl-Infrastruttura

Qegħdin nallokaw is-somma ta' kważi 453 miljun ewro għall-programm ta' xogħol kapitali; żieda ta' kważi 66 miljun ewro meta mqabbla ma' dak li ġie allokat fl-aħħar baġit. Din l-allokazzjoni teskludi s-somma ta' 15-il miljun għat-tisħiħ tal-bażi kapitali tal-Air Malta.

Apparti t-tkomplija ta' proġetti mibdija, din l-allokazzjoni trid tkopri proġetti ġodda li se jinbdew is-sena li ġejja. L-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni terzjarja, qegħdin jingħataw l-ammont ta' 11.7 miljun ewro sabiex ikomplu bil-proġetti fl-Università, l-MCAST u s-sovvenzjoni lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada biex tkompli bil-bini tal-MCAST u l-iskejjel ġodda. Se ninvestu 2.5 miljun ewro fil-kumpless sportiv tal-Marsa u għall-faċilitajiet tal-futbol u l-*waterpolo* f'Birżebbuġa.

Se ninvestu 96.4 miljun ewro fil-qasam infrastrutturali u 59 miljun ewro ieħor għall-ħarsien tal-ambjent. Żidna l-allokazzjoni għall-bini tat-toroq. Id-diversi oqsma ekonomiċi ta' pajjiżna se jiġu sostnuti wkoll permezz ta' allokazzjoni ta' 48.5 miljun ewro. Diversi proġetti fl-oqsma tal-enerġija u tal-ilma qegħdin jiġu allokati 20.7 miljun ewro. Is-saħħa qiegħda tingħata prijorità fl-investiment kapitali tagħna. Hawnhekk, żidna l-allokazzjoni għal 60.8 miljun ewro minn ftit aktar minn 52 miljun ewro fl-aħħar baġit.

### Tnaqqis fl-Ogħla Rata tat-Taxxa tad-Dħul

Niġu issa għal sensiela ta' tnaqqis jew tneħħija ta' taxxi u miżuri oħra pożittivi. Għaliex dan il-Gvern, mhux se jistenna sa lejliet l-elezzjoni biex iwettaq il-proposti li ressaq lill-poplu u li ġew approvati b'saħħa. Kif imwiegħed se nerġgħu nnaqqsu l-*income tax*.

Ir-rata ta' taxxa personali ta' 32% applikabbli għal dawk li jaqilgħu anqas minn sittin elf ewro se terġa' titnaqqas għal 29%. Dan japplika għal kull komputazzjoni: singola, miżżewġin u ġenituri. Din il-miżura se tiswa 13.2 miljun ewro. Kif kien oriġinarjament ippjanat meta ddaħħlet din il-miżura, id-dħul minn dividendi rċevuti minn individwi se jibqa' taxxabbli bir-rati ta' taxxa li kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni tar-rata tat-taxxa marġinali ta' 32%. Din il-miżura hija importanti sabiex ikun żgurat li l-miżura tat-tnaqqis fir-rata tat-taxxa personali tibqa' sostenibbli.

### Tnaqqis fit-Taxxa Għall-Middle Class

Forsi se jkun hawn min ikun sorpriż, iżda se nnaqqsu l-*income tax* anke aktar minn hekk. Dan il-Gvern irid jgħin mhux biss lil min għandu dħul tajjeb u lil dawk fuq il-paga minima. Irridu nibnu *middle class* ġdida u għalhekk se ngħinu lil dawk il-familji li jaqilgħu aktar mill-paga minima iżda ma jaqilgħux tant li jistgħu jħossuhom komdi. Għalhekk se nibdew innaqqsu mill-*income tax* għall-familja *middle class*.

Il-faxxa tat-taxxa għall-komputazzjoni ġenitur se titwessgħa minn 9,300 ewro għal 9,800 ewro. B'hekk il-ġenituri bit-tfal mhux se jħallsu taxxi fuq l-ewwel 9,800 li jaqilgħu u se jiffrankaw 75 ewro f'taxxa tad-dħul fis-sena. Din il-miżura hija stmata li tiswa 1.8 miljun ewro.

Aġġustament ieħor qiegħed isir ukoll fil-kundizzjonijiet biex il-ġenituri jikkwalifikaw għall-komputazzjoni ta' ġenitur. L-età tat-tfal f'edukazzjoni terzjarja li huma mantnuti mill-ġenituri qiegħda tiżdied minn 21 għal 23 sena u, ukoll, qed inwessgħu l-edukazzjoni terzjarja għall-kulleġġi u istituzzjonijiet edukattivi oħra (eż. MCAST, ITS), biex il-ġenituri ta' tfal f'dawn l-istituzzjonijiet edukattivi wkoll jikkwalifikaw. B'hekk inkunu qed nuru l-apprezzament tagħna lill-familji li jinkoraġġixxu lil uliedhom ikomplu jistudjaw.

### Estensjoni tar-Rata Preferenzjali tat-Taxxa tad-Dħul fuq il-Part Time

Se nnaqqsu t-taxxa fuq min jaħdem *part-time*.

Il-limitu (fuq l-ammont suġġett għar-rata preferenzjali ta' 15%) se jiżdied minn €7,000 għal €10,000 fil-każ ta' impjieg *part-time* u €12,000 fil-każ ta' *part-timers* li jaħdmu għal rashom.

### Inċentivi Għal *Self-Employment Part-Time*

Sabiex ninkoraġġixxu l-bidla minn impjieg *full-time* għal *self-employed full-time*, sidien tan-negozji *part-time* se jitħallew jimpjegaw sa żewġ impjegati *part-time* mingħajr ma jitilfu l-intitolament għar-rata tat-taxxa ta' 15%. Is-sistema attwali ma tippermettix sidien tan-negozji part-time li jħaddmu impjegati magħhom u jespandu n-negozju tagħhom. Dan jagħmilha diffiċli għalihom li jħallu l-impjieg tagħhom *full-time*.

Dan nagħmluh għaliex dan Gvern bieżel li jrid jippromwovi l-bżulija.

**ĦELSIEN TAL-PAGA MINIMA MIT-TAXXA TAD-DĦUL**

Dan il-Gvern mhux bħal ta' qablu. Mhux se jintaxxa lil min jaqla' l-paga minima.

Il-limitu (attwalment €8,950) se jiżdied biex nieħdu kont tal-COLA. Dan sabiex kull minn ma jaqlax aktar mill-paga minima ma jħallasx taxxa tad-dħul.

**ĦELSIEN MIT-TAXXA TAD-DĦUL LILL-PENSJONANTI**

Anzi se nagħmlu pass ieħor.

Mis-sena d-dieħla din il-miżura se tiġi estiża wkoll għall-pensjonanti li d-dħul tagħhom ikun jikkonsisti biss minn pensjoni li ma taqbiżx l-ammont tal-paga minima.

**ESTENSJONI TAR-RATA TA' TAXXA TA' 15% FUQ ID-DĦUL GĦALL-PENSJONANTI *SELF-EMPLOYED***

Pensjonanti li huma wkoll *self-employed* fuq bażi *part-time* se jibdew igawdu minn rata ta' taxxa ta' 15% fuq id-dħul tagħhom mix-xogħol jekk dan id-dħul ma jkunx ogħla mill-minimu ta' dħul li fuqu jħallsu l-anqas rata ta' kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali.

**RATA MNAQQSA TA' TAXXA (7.5%) TAD-DĦUL FUQ XOGĦOL *PART-TIME* TAL-FUTBOLERS**

Irridu ndaħħlu aktar professjonalità fl-isport. Din is-sena se nibdew mill-futbol wara diskussjonijiet mal-MFA u fid-dawl ta' regoli ġodda internazzjonali. Irridu li dan l-isport isir aktar leġittimu u joħroġ mill-ekonomija s-sewda li hi art fertili għall-korruzzjoni. Għalhekk se nnaqqsu r-rata tal-*income tax* għall-futbolers għad-dħul mil- futbol għal 7.5%.

B'din il-miżura għandha tiżdied il-konformità u tipprovdi wkoll inċentivi għal dawk li jagħżlu futbol professjonali. Qegħdin nittamaw li bl-għajnuna tal-MFA, il-clubs jikkonformaw u jidħlu bis-sħiħ fl-ekonomija legittima.

**TAXXA FUQ TRASFERIMENTI WARA BEJGĦ BL-IRKANT**

It-Taxxa fuq it-trasferimenti f'bejgħ bl-irkant se titneħħa kompletament.

**LIMITU TA' INTERESSI FUQ *DUTY CAUSA MORTIS***

Bħalissa l-imgħax imħallas fuq *duty* dovuti mit-*transferee causa mortis* mhuwiex limitat u jista' jaqbeż id-*duty* pagabbli. L-interessi issa mhux se jeċċedu l-ammont ta' *duty* dovut. B'hekk il-werrieta se jiffrankaw il-flus.

**15% *WITHHOLDING TAX* FUQ IL-KERA**

Il-Gvern irid li jkompli jinċentiva s-suq tal-kera filwaqt, li jirregolarizzah b'mod aħjar. Għalhekk persuni li għandhom dħul mill-kiri ta' proprjetà residenzjali se jkollhom l-għażla li japplikaw taxxa finali ta' 15% ikkalkolata fuq id-dħul gross tal-kirja biex effettivament qed titnaqqas it-taxxa. Din il-miżura hija maħsuba biex tinkoraġġixxi l-konformità fis-suq tal-kera. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni se jagħmel titjib fl-infurzar f'dan il-qasam. Kirjiet mhux iddikjarati għandhom ikunu soġġetti għal taxxa finali ta' 35% ikkalkolata fuq id-dħul gross tal-kiri minbarra penalitajiet u imgħax li se jkunu imposti. Issa kulħadd se jkollu l-opportunità jiddikjara b'rata ġusta. L-evażjoni mhux se tkun ittollerata.

**EŻENZJONI GĦAL *FIRST TIME BUYERS***

Irridu ngħinu lill-koppji żgħażagħ jixtru l-ewwel dar tagħhom. Bħalissa titħallas 'duty' ta' 3.5% fuq l-ewwel 150,000 ewro fir-rigward ta' proprjetà mixtrija bħala l-ewwel residenza. Se tingħata konċessjoni ta' darba lil dawk il-persuni li qatt ma kellhom propjetà immobbli qabel l-1 ta' Jannar 2014, sew direttament jew indirettament, u li se jagħmlu l-kuntratt finali fis-sena 2014, sabiex ma jħallsux 'duty' fuq l-ewwel 150,000 ewro. Din il-miżura mistennija tagħti spinta lill-industrija tal-proprjetà u tgħin lix-xerrejja żgħażagħ jiffrankaw sa 5,250 ewro fuq ix-xiri tal-ewwel residenza tagħhom.

**TNEĦĦIJA TAS-SISTEMA TAL-PERIT TAL-GVERN**

Il-Gvern se jimplimenta l-bidla fis-sistema ta' valutazzjoni tal-propjetà minn periti mqabbda minnu. Għal skop ta' taxxa, il-Gvern se jibda jaċċetta l-valutazzjoni li jagħmel kull perit privat iżda se jiddaħħlu salvagwardji sabiex ma jkunx hemm abbużi.

**PROĠETT PILOTA TAL-PROPRJETA` TAL-GVERN FIL-BELT VALLETTA**

Dan il-Gvern jixtieq ikollu idea ċara tal-proprjetajiet kollha li għandu. Mhux aċċettabbli li bħala fatt teżisti ħafna informazzjoni sparpaljata iżda m'hemmx sistema wahda.

Għalhekk, se jinbeda proġett pilota fil-Belt Valletta biex il-Gvern ikun jaf b'ċertezza x'inhuma l-proprjetajiet tiegħu fil-Kapitali.

Dan jgħin ukoll biex teżori ma jitħallewx jintelqu u jiġu identifikati opportunitajiet ta' investiment anke mal-privat, kif diġa wera r-rispons li kien hemm għal propjetajiet li l-Gvern ħareġ fuq is-suq dan l-aħħar. Nemmnu li fil-Belt Valletta u postijiet oħra hemm opportunitajiet enormi.

**SIMPLIFIKAZZJONI TA' DISPOŻIZZJONIJIET FIL-VAT U T-TAXXA TAD-DĦUL**

Bħala parti mill-*merger* tad-dipartimenti tat-taxxa fassalna emendi biex jissimplifikaw diversi dispożizzjonijiet fl-Atti tal-VAT u dak tat-Taxxa fuq l-*Income*. Dan se jissimplifika l-aspetti operattivi u l-konformità tal-liġijiet fiskali.

Is-sistema preżenti tal-approprjazzjoni tal-VAT wasslet għal imgħaxijiet għoljin ħafna u bilanċi ta' penali/arretrati li jagħmluha diffiċli ħafna għat-*taxpayers* li jkunu waqgħu lura. Bħalissa, il-ħlasijiet huma l-ewwel *set-off* kontra l-eqdem bilanċi u huma approprjati l-ewwel kontra l-interessi u l-penali. Minn Jannar li ġej, meta d-denunzji tal-VAT jiġu sottomessi fil-ħin, flimkien mal-ħlas, l-ammont imħallas ma jkunx approprijat għall-bilanċi qodma. Dan jinkoraġġixxi l-konformità u se jgħin lit-*taxpayers* li ma setgħux jikkonformaw minħabba problemi ta' likwidità li jsiru konformi. Fi kliem ieħor, il-Gvern se jkun qiegħed jgħin lin-negozji ġenwini biex iħallsu sehemhom mingħajr ma jżid ħafna piżijiet ġodda.

Fl-Att tal-VAT se jiġu ntrodotti dispożizzjonijiet fuq it-*tax in dispute*. Bħalissa, meta jinħareġ *assessment*, il-pagamenti qed jiġu allokati għall-VAT dovuta anki jekk il-perjodu tal-VAT in kwistjoni jista' jkun taħt appell (mhux finali u konklużiv). Dispożizzjonijiet tat-*tax in dispute* għandhom jiġu introdotti fl-Att tal-VAT sabiex ikun żgurat li l-pagamenti mhumiex qed jiġu *set-off* kontra t-taxxa li dwarha jista' jkun hemm kwistjoni.

L-Att tal-VAT jipprovdi li d-denunzja tal-VAT titqies bħala li ma tkunx sottomessa jekk l-ammont dovut ma jkunx tħallas kollu. Dan jirriżulta fl-akkumulazzjoni ta' penali għal *non-filing* anke jekk id-denunzja tal-VAT tkun ġiet ippreżentata. Din il-penali se titneħħa. Hawn se ninkoraġġixxu aktar negozji jikkonformaw.

Ir-rata ta' imgħax preskritta, kemm taħt l-Att tal-Valur Miżjud u l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, fuq it-taxxa pagabbli/rifondibbli se titnaqqas u tibda tkun flessibbli.

**REATI TAĦT IL-LIĠI TAT-TAXXA TAD-DĦUL**

Bħalissa, meta persuna tinstab ħatja ta' reat taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxi fuq l-*Income* u mhux kkundannat għall-ħabs għal dak ir-reat, il-Qorti espressament twissi lilu li jekk, fi żmien ħames snin mid-data tat-twissija, huwa għal darb'oħra jinstab ħati ta' reat ieħor, huwa għandu jiġi

kkundannat, minbarra kull piena oħra, għal mhux inqas minn tlett ijiem priġunerija.

Dan ifisser li, bħalissa, il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tibgħat persuna l-ħabs fil-każ tat-tieni reat. Aħna se nħarsu lejn is-*self-employed* bħala msieħba essenzjali fl-ekonomija. Se nkunu sodi ma min jevadi. Iżda nemmnu li ċ-ċirkostanzi ta' dawn l-aħħar snin wasslu xi *self-employed* ġenwini f'pożizzjonijiet diffiċli. Aħna rridu li s-*self-employed* li jispiċċa l-ħabs għax ma jkunx ħallas il-VAT fil-ħin tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola. Il-liġi se tiġi emendata sabiex il-Qorti, fil-każ tat-tieni reat, ikollha d-diskrezzjoni jekk tibgħatx persuna l-ħabs jew inkella timponi multa ta'€2,000.

## MIŻURI KONTRA L-EVAŻJONI TAT-TAXXA

Il-Gvern se jkompli jiġġieled l-evazjoni tat-taxxa. Dan għaliex l-evazjoni tattakka s-sostenibbiltà tas-servizzi, bħas-saħħa u l-edukazzjoni b'xejn u, l-għajnuniet soċjali li jipprovdi l-istat. Iżda agħar minn hekk, l-evazjoni fiskali tispiċċa titfa' piżijiet akbar fuq dawk li huma onesti.

Għalhekk, se nagħmlu kampanja kontra l-evazjoni fiskali sabiex infiehmu lil kulħadd għaliex din m'hemmx lokha f'soċjetà demokratika u żviluppata.

Irridu ngħinu lill-industrija tal-bini, li nemmnu li hi importanti għal pajjiżna. Iżda, se nkunu ċerti li titħallas it-taxxa dovuta. Se ndaħħlu sistema fejn min jixtri servizz fil-qasam tal-proprjetà, pereżempju, xogħol ta' kostruzzjoni u ma jkollux biex jissostanzja l-istima tax-xogħol li jkun sar, ikollu jħallas l-VAT dovuta.

## *INVESTMENT REGISTRATION SCHEME*

Aktar pajjiżi qegħdin jaqsmu informazzjoni u l-Gvern Malti, flimkien ma' oħrajn Ewropej, dalwaqt se jkollna dettalji dwar flus u nvestimenti moħbija.

Se niftħu l-*Investment Registration Scheme* sabiex dawk il-persuni li jixtiequ jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, għaliex għandhom flus, *stocks* u investimenti mhux dikjarati f'Malta jew barra, ikunu jistgħu jagħmlu dan filwaqt li jħallsu multa ġusta. Id-dettalji tal-*Investment Registration Scheme* se jkunu ppubblikati fiż-żmien li ġej.

## *LEVEL PLAYING FIELD* FIN-NEGOZJU

Se nibdew nieħdu passi kontra individwi barranin li jiġu jaħdmu f'Malta mingħajr ma jirrispettaw ir-regoli. Il-Gvern huwa favur il-kompetizzjoni iżda din trid tkun ġusta. Ma jistax ikun li negozjant Malti li jħallas it-taxxa, il-bolla,

il-VAT u l-eko-kontribuzzjoni jsib ruħu jikkompeti ma’ min ma jħallas xejn minnhom u ma jagħtix sehmu. Se nwaqqfu sistema ta’ rappurtaġġ *online* fejn wieħed jista’ jirrapporta dawn il-każijiet.

**PRESIDENZA TAL-UNJONI EWROPEA U FONDI EWROPEJ**

Il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, fl-ewwel sitt xhur tal-2017 hija sfida nazzjonali kbira. Għalhekk, aħna se niffaċċjaw dan l-impenn b’mod *bi-partisan*. Bdejna niddedikaw il-fondi għat-taħriġ.

Is-sena d-dieħla hija l-ewwel sena tal-*Multi-Annual Financial Framework* 2014-2020. It-tliet prijoritajiet finanzjarji għal Malta li huma: (1) it-tisħiħ tal-kompetittività, (2) is-sostenn lill-ekonomija, u (3) aktar investiment fin-nies. Se jingħataw prijorità, ukoll, l-oqsma tal-edukazzjoni, riċerka, innovazzjoni, l-enerġija, il-ħolqien tax-xogħol, u l-aċċess għall-finanzi mill-Intrapriżi Żgħar u Medji.

## INRAĦĦSU L-KONTIJIET TAD-DAWL U TAL-ILMA

Dan il-Gvern ma jippretendix li hu perfett. Iżda difett li m’għandux huwa li ma jwettaqx dak li jwiegħed.

Wegħedna li se nraħħsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Se nagħmluha.

F’Marzu 2014, se nwettqu l-wegħda elettorali tagħna li nnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma b’medja ta’ 25% u 5% rispettivament għall-familji. It-tnaqqis fil-kontijiet se jħalli aktar flus fil-but tan-nies. Dan it-tnaqqis se jħalli impatt qawwi u tajjeb fuq l-ekonomija Maltija. Alice in Wonderland se tħalli aktar minn 25 miljun ewro fil-bwiet tal-familji. Dan mingħajr ma jkun hemm effett negattiv fuq il-finanzi pubbliċi.

Fiż-żmien imbassar u b’mod effiċjenti, wara li konsorzji kbar internazzjonali wrew fiduċja fil-proġett, il-pjan għat-tnaqqis fil-kontijiet jinstab *on track*.

Li kieku kien għal ħaddieħor tibqgħu tħallsu kontijet tad-dawl u l-ilma ogħla.

Dan il-Gvern huwa l-assigurazzjoni tal-konsumaturi għal kontijiet orħos.

Filwaqt li nraħħsu l-kontijiet qed naqilbu għall-gass, li huwa aħjar għas-saħħa u għall-ambjent. Sadattant, beda studju dwar il-fattibilià ta’ *pipeline* tal-gass.

It-tieni parti tal-pjan se jkun li jorħsu l-kontijiet għan-negozji fl-2015. Din hija l-effiċjenza ta' kif għandhom isiru l-affarijiet.

### Enemalta fuq Sisien Sodi

Qegħdin inwettqu pjan sabiex il-Korporazzjoni Enemalta titpoġġa fuq sisien finanzjarji sodi.

Il-Gvern se jimplimenta pjan sabiex nassiguraw provvista tal-elettriku adegwata, sostenibbli u sigura. Dan il-pjan diġà beda jissaħħaħ permezz tal-ftehim mal-Libja dwar ix-xiri taż-żjut u gass bi prezzijiet vantaġġjużi, kif ukoll, permezz tal-investiment dirett fl-Enemalta miċ-China Power Investments u Shanghai Electric. Dan huwa pjan li se jsalva lill-Enemalta mid-diżastru li tħalliet fiha, se jsalva l-impjiegi tal-ħaddiema u tiftaħ swieq ġodda.
Minbarra dan, l-ARMS trid ittejjeb ħafna s-sevizz tagħha.

### Stabilita` fil-Prezzijiet

Fejn jista', il-Gvern beda jaddotta politika ta' stabbilità fil-prezzijiet tal-petrol, tad-*diesel*, kif ukoll tal-gass. Kif ħabbarna, l-prezzijiet ta' dawn it-tlett fjuwils se jibqa' stabbli sal-aħħar tas-sena. Fil-każ tad-*diesel*, il-prezz se jibqa' stabbli sa Marzu li ġej.

### Malta Oil and Gas Corporation

Biex jingħata qafas infrastrutturali għall-iżvilupp tal-qasam tas-servizzi tal-industrija taż-żejt u l-gass se titwaqqaf il-Malta Oil and Gas Corporation. Din se tkun l-aġenzija ewlenija tal-Gvern biex tara l-ħtigijiet u l-pjani tal-Gvern dwar esplorazzjoni taż-żejt u l-gass jiġu implimentati.

### Enerġija Alternattiva

Il-Gvern se jkompli jinċentiva l-investiment fl-enerġija nadifa bħal dik iġġenerata mill-pannelli fotovoltajiċi. Qiegħda ssir reviżjoni tan-*National Renewable Energy Action Plan* sabiex il-Gvern ikompli jidentifika l-*policies* u l-miżuri sabiex jinlaħħqu l-miri fil-qasam tal-enerġija rinovabbli.

### Proġett Pilota *Intelligent Lighting*

Se nwettqu proġett pilota ta' *intelligent street lighting* f'Għawdex u 12 il-kilometru f'Malta. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 2.8 miljun ewro. Permezz ta' dan il-progett se nibdlu l-lampi preżenti tat-toroq ma' oħrajn li jikkonsmaw anqas, iservu għal mill-anqas 60,000 siegħa u li għandhom il-kapaċità ta' *dimming effect*. Hemm il-ħsieb li, eventwalment, dan il-proġett jinfirex u nibdlu d-dwal tat-toroq mal-pajjiż kollu. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 5.4 miljun ewro.

Is-sistema tad-dawl fil-blokka Rużar Briffa fir-Residenta San Vinċenz de Paule, ukoll, se tinbidel ma' oħra aktar effiċjenti sabiex titnaqqas l-ispiża għall-enerġija fil-futur. Dan il-proġett, ko-finanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 6 miljun ewro.

### *RETRO-FITTING* FUQ BINJIET

Twettqu *energy audits* fuq diversi binjiet pubbliċi. Se nippromwovu programm għal *Retro Fitting* fuq diversi binjiet biex isiru aktar *energy efficient*. Il-binjiet jikkonsmaw mal-40% tal-enerġija ġġenerata u, għal dan il-għan, se jitwettqu diversi inizjattivi, fosthom sabiex diversi binjiet pubbliċi jsiru *energy self-sufficient*.

### *ENERGY AUDIT* VOLONTARJU DWAR L-ENERĠIJA GĦALL-FAMILJI

Se ngħinu lill-familji jiddentifikaw x'miżuri u bidliet jistgħu jagħmlu sabiex jiffrankaw l-użu tad-dawl u l-ilma. Dan se jsir permezz ta' esperti li jagħmlu *Energy Audit* lil dawk il-familji li jkunu jridu li jingħataw pariri dwar kif jagħmlu użu aktar effiċjenti tal-enerġija.

### GĦAJNUNA GĦALL-INSTALLAZZJONI TA' *WATER HEATERS* U INSULAZZJONI

Se nagħtu sussidju lill-familji tagħna sabiex jinstallaw *solar water heaters*, kif ukoll sabiex jinsulaw is-soqfa ta' djarhom. Għal dan il-għan, qegħdin nivvotaw is-somma ta' 500,000 ewro.

### PROĠETT PILOTA FL-ISKOLA TAS-SIĠĠIEWI

Qegħdin nivvotaw miljun ewro sabiex inwettqu proġett pilota fl-iskola primarja tas-Siġġiewi bil-għan li nagħmlu din l-iskola effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

### PJAN NAZZJONALI DWAR L-ILMA

Se jitfassal pjan nazzjonali dwar l-ilma. Il-Gvern se jara li jkun hemm infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita filwaqt li jirrestawra u jimmaniġġja, b'mod effettiv, il-faċilitajiet eżistenti għal dan il-għan. Fuq kollox, il-Gvern se jwettaq kampanja dwar il-konservazzjoni tal-ilma.

## NINĊENTIVAW IX-XOGĦOL

Għal dan il-Gvern is-suq tax-xogħol huwa prijorità. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 8.3 miljun ewro lill-ETC. Żammejna l-wegħda li nwaqqfu l-kumitat tal-Jobs+ hekk kif maqbul fil-ftehim bejn l-imsieħba soċjali f'Jannar 2013. Dan il-kumitat qed jaħdem.

Dan il-baġit se jinċentiva aktar minn qatt qabel lil dawk li jixtiequ jaħdmu iżda li għal xi raġuni jew oħra ma jaqblilhomx jagħmlu dan.

**_Childcare Centres_ Bla Ħlas**

L-introduzzjoni taċ-*child care centres* b'xejn hija proposta ewlenija sabiex ngħinu lill-familji tagħna jkunu f'qagħda aħjar li jisfruttaw il-potenzjal ta' kull membru tal-familja u jsibu l-bilanċ bejn id-dmirijiet familjari u dawk tax-xogħol. Se nibdew inwettqu din il-wegħda billi ninvestu 3.8 miljun ewro sabiex mis-sena d-dieħla nibdew nagħtu dan is-servizz b'xejn lil dawk il-familji fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu jew, f'każ ta' ġenitur wieħed, dik il-persuna taħdem. Investiment li se jkompli jikber fis-snin ta' wara. Dalwaqt se noħorgu *White Paper* biex nikkonsultaw dwar it-twettieq ta' din is-sistema. Din hija waħda minn sensiela ta' *White Papers* li l-Gvern qed iħabbar illum bil-messaġġ ikun li dan huwa Gvern li jisma'.

**Servizz Ġdid Qabel il-Ħin tal-Iskola**

Se ngħinu wkoll lil dawk il-familji li jsibu diffikultà biex ilaħħqu u jwasslu lit-tfal tagħhom l-iskola u jaslu fil-ħin għax-xogħol tagħhom. Mis-sena d-dieħla se ndaħħlu servizz ġdid fejn il-ġenituri jistgħu jwasslu lil uliedhom siegħa qabel il-ftuħ tal-iskola u t-tfal jingħataw kolazzjon nutrittiv fl-iskola. B'hekk nippromwovu ukoll *healthy lifestyle* fit-tfal tagħna. Dan il-programm mhux se jitfa' l-ebda piż ġdid fuq l-għalliema u se jsir b'konsultazzjoni mal-għalliema. Dawk l-għalliema li jagħżlu li jieħdu sehem se jitħallsu *extra*.

**Tnaqqis tat-Taxxa fuq l-Użu ta' _Child Care Centres_**

Sadattantt, se nkomplu nnaqqsu t-taxxa għal dawk li jibagħtu lill-uliedhom *f'child care centres*. Il-liġi tipprovdi għal tnaqqis mid-dħul tal-ġenituri li jibagħtu lit-tfal tagħhom f'*child care centre* bi ħlas. It-tnaqqis se jiżdied minn €1,300 għal € 2,000. Dan il-benfiċċju jibbenefikaw minnu dawk il-ġenituri li jagħżlu li jħallsu għaċ-*child care* u li ma jibbenefikawx minn *child care* b'xejn.

**Niffrankaw it-Taxxa lil Nisa li Joħorġu Jaħdmu**

Jekk irridu verament inżidu r-rata ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, jeħtieġ li nindirizzaw lin-nisa ta' 'l fuq minn 40 sena li ma jaħdmux bi qligħ. Għalhekk, mis-sena d-dieħla, nisa miżżewġa li ilhom aktar minn ħames snin barra mis-suq tax-xogħol u, li għandhom 'il fuq minn 40 sena u se jidħlu jaħdmu u, li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx il-paga minima, se jkun possibbli għal żwieġhom li jkomplu jħallsu t-taxxa bil-komputazzjoni tal-miżżewġin filwaqt li d-dħul tal-mara ma jiġix ikkunsidrat. Dan il-benefiċċju jdum sa massimu ta'

ħames snin. Raġel b'paga medja se jkun qiegħed jiffranka madwar €800 f'taxxa kull sena minħabba li se jżomm l-istess komputazzjoni.

### GARANZIJA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Mis-sena d-dieħla se nibdew inwettqu l-proposta tal-garanzija għaż-żgħażagħ. Din hija inizjattiva li l-Prim Ministru personalment ilu jitkellem dwarha u jimbotta f'Malta u l-Ewropa għal dawn l-aħħar sentejn. L-għan huwa li żgħażagħ li ma jkunux fl-edukazzjoni ikollhom xogħol jew jingħataw taħrig biex isibu x-xogħol. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ f'Malta, skont statistika Ewropea, beda jonqos. Iżda dan mhux biżżejjed. Huwa maħsub li fl-ewwel garanzija, 350 żagħżugħ u żagħżugħa li huma inattivi jew qed ifittxu x-xogħol, se jibbenifikaw minn attenzjoni individwali biex jew jintegraw fid-dinja tax-xogħol jew jibdew xi kors f'xi istituzzjoni edukattiva. Għal dan il-għan, dawn iż-żgħażagħ se jibbenefikaw minn ħlas ta' €1,440 bl-investiment ta' din il-garanzija jlaħħaq 2 miljun ewro.

### *EMPLOYABILITY INDEX*

Se jiddaħħal l-*employability index* bil-għan li noffru linja gwida dwar il-qasam ekonomiku u l-opportunitajiet ta' xogħol li ż-żgħażagħ jistgħu jistennew fi tmiem l-edukazzjoni tagħhom.

Il-Gvern se jinvesti wkoll biex itejjeb l-*Employment Advisory Services* tal-ETC.

### INĊENTIVI GĦAL MIN IDAĦĦAL APPRENTISTI

Il-Gvern se jinvesti €350,000 biex jinċentiva lil min iħaddem biex joffri *work plaċements* kif ukoll skemi ta' apprentistat. Se nniedu sistema ta' deduzzjoni tat-taxxa fejn min iħaddem igawdi €600 għal kull *work placement* u €1,200 għal kull apprentistat, b'investiment globali ta' miljun ewro.

Għaddejjin ukoll diskussjonijiet, ma' min huwa nteressat, dwar proposti ta' riforma għas-sistema tal-apprentistat.

### APPRENTISTATI GĦALL-ISTUDENTI TAL-ITS

Fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi beda kors ġdid, il-*Foundation in Tourism Studies*, bi sħab mal-Malta Enterprise u l-ETC. Il-programm hu mmirat biex l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet biex jiftħu negozju għal rashom, isibu xogħol jew ikomplu jistudjaw fl-oqsma turistiċi. Kull student mit-tieni sena se jkollu *work placement* fl-industrija biex jakkwista l-esperjenza ta' xogħol u taħriġ.

### Xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin

Din is-sena ddaħħlet il-*Work and Training Exposure Scheme*; inizjattiva speċifika għall-Għawdxin li qed ifittxu impjieg bi spiża ta' 1.1 miljun ewro. Għawdex se jingħata prijorità fil-qasam tax-xogħol permezz tat-tiġdid tal-*Employment Aid Programme* b'investiment ta' żewġ miljun ewro oħra li ġejjin minn fondi Ewropej.

### *Youth Entrepreneurship Scheme*

Il-*Youth Entrepreneurship Scheme* ġiet varata mill-Gvern preċedenti iżda ma setgħetx titwettaq għax il-Gvern ta' qabel nesa jalloka l-fondi għal din l-iskema minkejja li tħabbret fil-baġit. Dan il-Gvern issa se jalloka €300,000 għal dan il-għan.

### Inċentivi għal Impjiegi ta' Persuni Akbar fl-Età

Lil min hu akbar fl-età mhux ha ninsewh. Permezz ta' din l-iskema, se ninċentivaw it-taħriġ u l-impjieg ta' persuni qegħda fl-età ta' bejn il-45 u 65 sena. Se tingħata deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' 5,800 ewro għall-ewwel sentejn li tissarraf f'iffrankar ta' 2,030 ewro fis-sena għal kull persuna li tittieħed mir-reġistru tal-qgħad. Barra minn hekk, kumpaniji li jimpjegaw dawn il-ħaddiema se jibbenifikaw minn deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' 50% tal-ispiża fuq it-taħriġ ta' dawn il-ħaddiema, sa massimu ta' 400 ewro.

### Inċentivi għal Min Irid Jaħdem

Filwaqt li nkomplu naħdmu biex noħolqu aktar postijiet tax-xogħol, irridu li aktar nies joħorġu fis-suq tax-xogħol. Nafu li hemm abbużi fir-reġistrar u dan se niġġilduh. Dan għaliex serq bħal dan mhux ġustifikabbli għal min hu bieżel, onest u jħallas it-taxxa. Iżda nafu li hemm sitwazzjoni ta' nies li ġenwinament ma joħorgux fis-suq tax-xogħol għax jaraw li ma jirrendix. Li d-differenza bejn benefiċċji u paga forsi mhix biżżejjed biex tiġġustifika sforz. Dan il-Gvern irid bil-kelma t-tajba juri lil dawn in-nies li *work pays*.

Għalhekk se noħolqu nċentiv għal dawk li ilhom jirreġistraw għax-xogħol aktar minn sentejn u li jridu jaħdmu. Se ndaħħlu sistema fejn, minflok ma naqtgħulhom il-benefiċċji kollha mal-ewwel fil-mument li jibdew jaħdmu, nibdew innaqqsu l-benefiċċji fuq medda ta' żmien sabiex b'hekk noħolqu transizzjoni mingħajr skossi mir-reġistru tal-qgħad għad-dinja tax-xogħol.

Fl-ewwel sena l-benefiċjarju jgawdi minn 65% tal-benefiċċju, fit-tieni sena minn 45% u fit-tielet minn 25%. L-*employer* se jingħata 25% tal-benefiċċju kull sena għal tliet snin. Id-differenza se tmur ġo fond għat-taħriġ.

Lill-Gvern din se tiswielu ftit li xejn iżda se jkun mod kif nippromwovu l-bżulija u nibdew naqtgħu l-iskużi.

**NINKORAĠĠIXXU LIL *SINGLE PARENTS* JIEĦDU T-TAĦRIĠ**

Nafu li hemm min jieħu pjaċir iwaħħal kollox ukoll fis-*single parents*. Veru, hawn min jabbuża u dawk l-abbużi se nibdew nindirizzawhom bis-serjetà. Iżda rridu nagħtu ċans lil l-ommijiet u missierijiet weħidhom.

Il-Gvern se jinkoraġġixxi lis-*single parents* sabiex itejbu l-prospetti għall-impjieg tagħhom. Dawk is-*single parents* li qegħdin fuq l-assistenza soċjali se jingħataw kreditu ta' bejn 200 u 1000 ewro meta jidħlu għal taħrig vokazzjonali ntensiv jew inkella jekk jidħlu fis-sistema edukattiva *full-time* sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom.

## INSAĦĦU L-ĦILIET EDUKATTIVI U VOKAZZJONALI

L-aħjar għodda għall-mobilità soċjali, biex niġġieldu l-faqar u biex uliedna jkunu aħjar minna hija, l-edukazzjoni.

Dan il-Gvern qed jagħti prijorità assoluta lill-edukazzjoni. F'dan il-baġit, qegħdin inżidu n-nefqa rikurrenti u kapitali għall-oqsma edukattivi biss b'aktar minn 32 miljun, jew 8.5%, u għalhekk qegħdin nallokaw is-somma ta' aktar minn 411.7 miljun ewro għal dan il-għan. Dan l-ammont jeskludi l-programm il-ġdid tas-servizz ta' *child care* bla ħlas.

Diġà nedejna programm ta' 15-il miljun ewro għall-manutenzjoni u t-tisbiħ tal-iskejjel. Irridu li jkun hemm bilanċ bejn il-manutenzjoni u t-tisbiħ ta' skejjel preżenti kif ukoll bini ta' skejjel ġodda.

Investejna wkoll f'ammont rekord ta' boroż ta' studju għall-istudenti tagħna.

Il-Gvern se jagħti importanza wkoll lill-edukazzjoni għal matul il-ħajja.

Ir-rati ta' illitteriżmu u ta' dawk li jispiċċaw l-iskola kmieni juru li hawn problemi serji. Għalhekk ħadna l-inizjattiva ta' taħriġ vokazzjonali fis-sekondarja li tnediet f'Għawdex din is-sena. Saħħaħna wkoll l-iskemi tal-apprentistat. Tnediet ukoll, l-istrateġija nazzjonali għal-litteriżmu.

L-istruttura amministrattiva tas-sistema edukattiva kellha bżonn bidla. Se nagħtu lura l-poter lill-għalliema, ġenituri, kapijiet tal-iskejjel u prinċipali sabiex dawn iwettqu l-pjani għall-iskejjel tagħhom.

Il-Gvern fetaħ il-bibien għall-ewwel skola sekondarja statali li tilqa' bniet u subien taħt l-istess saqaf; bidla li se toffri esperjenza inklussiva u soċjali għall-futur. Daħħalna wkoll il-kunċett tal-iskola medja fejn studenti tal-*Forms* 1 u 2 jkunu jistgħu jingħataw edukazzjoni iżjed speċjalizzata.

### Bini ta' Skejjel Ġodda

Fis-snin li ġejjin, il-Gvern se jinvesti f'ħames skejjel ġodda. Il-Gvern dalwaqt se joħrog bil-pjan tiegħu għall-iskejjel li se jkun jinkludi l-lokalitajiet ta' fejn se jinbnew dawn l-iskejjel.

### *Tablets* Għall-Istudenti

F'dan il-baġit se nibdew l-għoti u l-użu tat-*tablets* fis-sistema edukattiva. Qed immorru l-ewwel għal proġett pilota fuq parir tal-għalliema u esperti biex it-tranżizzjoni tkun bl-inqas problemi possibbli għal uliedna. Nemmnu li b'dan il-proġett se nagħtu spinta kbira lill- modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva u l-metodi ta' tagħlim.

### *Sabbatical* għall-għalliema

Aħna nemmnu li l-għalliema huma l-aqwa msieħba tagħna fl-edukazzjoni. Irridu ninvestu fl-għalliema.

Fiż-żmien li ġej, il-Gvern se jibda diskussjonijiet mal-*union* tal-għalliema dwar it-tħaddim ta' sena sabbatikali fejn l-għalliema jkunu jistgħu jieħdu *leave* bil-ħlas waqt li jkunu qegħdin ikomplu jistudjaw għall-iżvilupp professjonali tagħhom.

### Ċertifikazzjoni tal-Edukazzjoni Vokazzjonali

Minn din is-sena, fl-iskola sekondarja tal-istat tas-subien, l-istudenti bdew jingħataw esperjenza ta' edukazzjoni vokazzjonali fejn it-tagħlim fil-klassi jingħaqad ma' esperjenzi fil-*workshops* tal-MCAST. L-esperjenza vokazzjonali se tigi ċċertifikata mill-MCAST sabiex l-istudenti jgħaddu mill-iskola sekondarja għall-MCAST bla ma jkollhom jagħmlu l-kors tal-Foundation.

### Università ta' Malta

Qegħdin nallokaw l-ammont ta' aktar minn 72 miljun ewro lill-Università u l-Junior College sabiex dawn ikunu jistgħu jkomplu bil-ħidma fejjieda tagħhom. Din hija żieda ta' iktar minn 13% jew 8.4 miljun ewro fuq l-2013.

Se naraw li nsaħħu lill-Università ta' Malta billi nfasslu qafas kuntrattwali sabiex, permezz ta' pjan fit-tul, din issir aktar sostenibbli. B'hekk, l-Università tkun tista' tippjana fit-tul u mhux kull sena tistenna l-kontribuzzjoni tal-Gvern mingħajr ma tkun taf x'se jiġri.

### L-Istipendji jiżdiedu bil-COLA pro-rata

Se nżidu l-istipendji. Mhux biss għas-sena d-dieħla iżda għal kull sena wara.

Il-Gvern ta' qabel kien naqqas l-istipendji.

Dan il-Gvern se jibda jżidhom bir-rata tal-għoli tal-ħajja pro-rata mill-1 ta' Jannar 2014. L-istipendju s-sena d-dieħla se jiżdied 1.9%. Din il-miżura se tiswa' madwar kwart ta' miljun ewro.

Minn Jannar li ġej se nżidu wkoll l-istipendji għall-istudenti veterinarji. Dawn se jibdew jirċievu 300 ewro fix-xahar.

### Stipendju għal Studenti li jirrepetu Sena

Aħna nemmnu li għandna ninkoraġixxu kemm jista' jkun żgħażagħ jibqgħu jistudjaw. Min jiltaqa' ma' problema għandu jiġi inkoraġġit mhux skoraġġit.

Għalhekk se nwettqu proposta elettorali oħra fejn studenti li jirrepetu sena waħda fil-kors tagħhom se jingħataw l-istipendju xorta. Din il-miżura tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

### Leħen Akbar liż-Żgħażagħ

Dan il-Gvern jemmen li ż-żgħażagħ huma protagonisti. Aħna nafdaw liż-żgħażagħ u rridu nagħtuhom sehem akbar fid-deċiżjonijiet.

Għalhekk se jsir tibdil leġiżlattiv sabiex żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq ikunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali.

## DIVERSIFIKAZZJONI F'SETTURI U SWIEQ ĠODDA

L-istrateġija għall-ħolqien tax-xogħol tal-Gvern hija msejsa fuq ir-rieda li noħolqu l-ġid u nqassmuh b'mod ġust. Se naħdmu għal ekonomija diversifikata.

## RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Il-Gvern fassal viżjoni strateġika u Prinċipji Gwida ġodda bil-għan li jigwidawh fil-politika tiegħu u ħidmietu.

Il-Politika Barranija tagħna se titmexxa skont sitt prijoritajiet ewlenin. Se nsaħħu s-sehem tagħna fl-Unjoni Ewropea. Se nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina u l-Istati tal-Golf. Se naħdmu sabiex tissaħħaħ il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran u sabiex tinstab soluzzjoni ġusta u dejjiema għall-paċi fil-Lvant Nofsani. Se nipparteċipaw attivament f'organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali. Il-Miri tal-Iżvilupp tal-Millenju se jibqgħu prijorità.

Attenzjoni speċjali qiegħda u se tibqa' tingħata lill-isfidi kkawżati mill-influss kontinwu ta' immigranti irregolari lejn xtutna. Se nħarsu l-interessi ta' pajjiżna kullimkien u b'kull mezz.

Il-Komunità Maltija li tgħix barra se tinstema' waqt it-tfassil tal-politika tagħna. Irridu ninkoraġġixxu l-involviment tagħhom fl-isforzi tagħna għall-promozzjoni ta' Malta fl-oqsma kummerċjali u kulturali.

## INIZJATTIVI GĦALL-ATTRAZZJONI TA' INVESTIMENT U TALENT

Il-Gvern irid li l-ekonomija ta' Malta u Għawdex tkun waħda globali, pro-attiva, ma toqgħodx tistenna u tkun fuq quddiem b'innovazzjonijiet u idejat. Il-kunċett ta' investiment dirett barrani qiegħed dejjem jevolvi. Malta trid tfittex li tattira mhux biss investiment iżda wkoll talent li jġib miegħu valur miżjud u jgħolli 'l fuq il-kwalità tal-ħajja u l-ekonomija ta' pajjiżna. Huwa f'dan il-qafas li l-Gvern huwa determinat li jniedi l-*Individual Investor Programme*, programm ta' ċittadinanza b'investiment li jpoġġina fuq quddiem f'dan il-qasam flimkien ma' pajjiżi oħra bħall-Kanada, il-Portugal, il-Belġju u Singapore fl-attrazzjoni ta' persuni tal-ogħla kwalità.

Huwa faċli li wieħed ibeżża' iżda dan il-pajjiż rebaħ l-isfidi meta ma beżax. Minkejja t-tfixkil irresponsabbli ta' wħud, il-Gvern konvint li dan il-programm se jkun suċċess. Id-deċiżjoni finali dwar min jikkwalifika għaċ-ċittadinanza se tkun tal-Gvern. Wieħed mill-għanijiet ta' dan il-programm huwa li eventwalment noħolqu Fond Nazzjonali għall-Iżvilup fejn pajjiżna jista' jerġa' jibda' jfaddal il-flus. Dan il-fond irriduh li jintuża għal proġetti soċjali bħal dawk ta' *housing*, edukazzjoni u programmi biex iż-żgħażagħ tagħna jilħqu l-aqwa aspirazzjonijiet tagħhom.

Id f'id mal-*Individual Investor Programme* diġà nedejna l-*Global Residence Programme*, mibni mill-ġdid fuq it-tifrik li ħalla l-Gvern ta' qabel bil-*Permanent Residence Scheme*. Dan il-programm diġà qed ikollu effett pożittiv meta qed jiġbed lejn pajjiżna persuni li qed jixtru l-proprjetà. Inħossu li l-isforz biex tinbiegħ proprjetà *high end* f'pajjiżna jrid jiġi kkordinat iktar f'qafas simili għal dak li qed tagħmel *Finance Malta* fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Huwa għalhekk li ninsabu għaddejjin b'diskussjonijiet u konsultazzjonijiet biex tinħoloq struttura bejn il-Gvern u l-privat sabiex jiġu promossi Malta u Għawdex fis-suq globali.

### Gvern li Joħloq Spazju għall-Privat

Il-Gvern jemmen li l-aqwa mod ta' kif jinħoloq il-ġid huwa permezz tas-settur privat. F'dawn l-ewwel xhur tiegħu, dan il-Gvern diġà qed juri li lest li jieħu inizjattivi biex joħloq spazju lis-settur privat biex jinvesti. Is-settur privat irrejaġixxa bl-iktar mod pożittiv. Biżżejjed wieħed ifakkar kif meta kien hemm min kien qed jitfa' dubji dwar jekk hemmx min jista' jkun interessat fil-proġett tal-enerġija, applikaw dsatax-il konsorzju internazzjonali. L-istess ġara dwar l-espressjoni ta' interess tax-*Shipbuilding*, tal-*cruise liner terminal*, tal-*casinos*, tal-proprjetajiet tal-Gvern u l-istess qed nistennew dwar ir-riklamazzjoni tal-art. Il-Gvern se jkompli miexi f'din id-direzzjoni fejn joħloq l-ispazju lis-settur privat biex jieħu l-inizjattivi.

### Kontra l-Burokrazija

Nemmnu li waħda mill-akbar xkiel għall-ħolqien tax-xogħol u l-ġid hija l-burokrazija. Il-ħatra ta' Kummissarju Kontra l-Burokrazija qed turi kemm kien hemm bżonn dan l-uffiċċju li kuljum jiffaċċja każijiet u jaqbeż għaċ-ċittadini fejn il-proċeduri jkunu żejda u bla ebda raġuni ċari.

Se nkomplu għaddejjin b'din l-attitudni li nnaqqsu l-burokrazija u li nkunu fuq in-naħa taċ-ċittadini li nħeġġuhom jagħmlu użu minn dan l-uffiċċju.

### Strateġija Nazzjonali għat-Tisħiħ Ekonomiku

Il-Gvern qed jipproponi li l-MCESD għandu jibda diskussjoni dwar Strateġija Nazzjonali għat-Tisħiħ Ekonomiku. Din id-diskussjoni għandha titmexxa mill-imsieħba soċjali bil-għan li jiġu stabbiliti inċentivi aktar attraenti u konformi mar-regoli Ewropej, biex nattiraw aktar investiment lejn Malta u Għawdex, u b'hekk jinħoloq aktar xogħol.

### Żvilupp Industrijali

Il-Malta Enterprise bdiet proċess ta' tisħiħ, li għandu jitlesta sa nofs is-sena d-dieħla.

Il-prijoritajiet tal-Malta Enterprise huma l-promozzjoni tal-investiment privat barrani u Malti, f'setturi b'valur miżjud għoli u l-ħolqien ta' ambjent tajjeb għas-sostenn tal-intrapriża. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' 14.9 miljun ewro.

Biex jintlaħqu dawn il-miri, il-Malta Enterprise qiegħda tikkopera mas-setturi edukattivi u tas-saħħa, mal-ambaxxati Maltin u l-korpi kostitwiti.

Il-koperazzjoni mal-MCAST tinvolvi t-taħriġ għas-settur tas-servizzi tat-tiswija u l-manutenzjoni tal-ajruplani kif ukoll ir-riċerka flimkien ma' istituti Ġermaniżi. Qiegħda ssir ħidma mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex jitkattar l-investiment barrani fil-qasam tal-edukazzjoni għolja.

Il-koperazzjoni mal-Ministeru tas-Saħħa hija ċċentrata madwar il-qasam tal-*Life Sciences*. Ix-xogħol fuq il-proġett tal-*Life Sciences* miexi. L-ewwel inkwilini mistennija jibdew jaħdmu minn hemm fi tmiem is-sena d-dieħla.

Miexi wkoll il-proġett tal-*Creative Digital Hub*, f'San Ġwann. Dan il-kumpless se jilqa' proġetti fil-qasam tal-informatika.

Il-Malta Enterprise qiegħda taħdem biex jinġibdu lejn Għawdex proġetti li jagħmlu sens u li mhumiex imfixkla mil-limitazzjonijiet ta' Għawdex. Għalhekk qiegħda tippjana li sa nofs is-sena d-dieħla tkun bdiet timplimenta programmi ta' promozzjoni tal-investiment dirett barrani f'Għawdex.

**TURIŻMU**

Din is-sena fit-turiżmu se nagħmlu dak li għal ħafna deher impossibbli. Se nerġgħu nġibu Malta aktar turisti mis-sena l-oħra li kienet rekord. Dan għamilnieh għaliex qed naddottaw *hands-on approach*.

Il-Gvern huwa impenjat li jagħti spinta lill-investiment fl-industrija tat-turiżmu fi sħab mas-settur privat. Għalhekk se ssir reviżjoni fl-Istrateġija Nazzjonali għat-Turiżmu.

Se tiżdied l-aċċessibiltà ta' swieq turistiċi ġodda lejn Malta u speċjalment fix-xhur anqas frekwentati.

Se jiżdiedu l-isforzi mmirati sabiex jissaħħu s-swieq eżistenti u swieq ġodda bħal dawk tal-Istati Uniti u ċ-Ċina, filwaqt li jkompli t-tkabbir tas-suq Russu. Se jkun hemm aktar xogħol immirat biex jikber is-suq Ġermaniż.

Se tingħata wkoll spinta lil numru ta' niċeċ bħat-turiżmu sportiv, tal-konferenzi u inċentivi, kulturali, mediku, edukattiv u t-turiżmu għall-għaddasa. Matul is-sena li ġejja se naħdmu mal-*cruise liners* sabiex ikun irkuprat it-telf li kien hemm.

Se tingħata prijorità lit-tisbiħ kontinwu u r-riġenerazzjoni u l-immaniġġjar tar-*resorts* kostali tagħna. Għandha tingħata attenzjoni lir-rijabilitazzjoni tal-kosta li tinkludi bajjiet ġodda u immanniġġjar aħjar ta' aktar bajjiet.

Se jitkompla r-rijabilitazzjoni tal-wirt kulturali tagħna billi jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' bidla ta' Palazzini u bini ieħor, speċjalment fil-qalba tal-ibliet tagħna, għal akkomodazzjoni turistika. Dan minbarra l-investiment fl-iżvilupp tal-prodott rurali tagħna.

Il-Gvern se jkompli jħares ukoll lejn skemi ġodda u fondi tal-Unjoni Ewropea indirizzati, fost oħrajn, sabiex jgħinu lill-lukandiera jagħmlu investiment fit-titjib tal-prodott tagħhom.

Għal dan il-għan qeghdin inżidu l-allokazzjoni lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu b'aktar minn 4% fuq is-sena li għaddiet għal 38.5 miljun ewro.

### Servizzi Finanzjarji

Is-settur għas-servizzi finanzjarji se jibqa' pilastru ewlieni għall-ekonomija Maltija. Hawnhekk, pajjiżna għamel u qiegħed ikompli jagħmel suċċess għaliex ħdimna bis-serjetà f'qafas regolatorju sod u modern. Għall-futur, fuq hekk se nkomplu nibnu. Il-Gvern huwa mpenjat li jaħdem mill-qrib ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam sabiex inkomplu niżviluppawh aktar b'mod sostenibbli.

### L-Industrija Tal-*Gaming*

Fil-qasam tal-logħob fuq l-internet, qegħdin nagħmlu dak kollu possibbli sabiex noħolqu u nsaħħu l-istrutturi li jipproteġu d-drittijiet u l-kompetittività tal-kumpaniji liċenzjati f'Malta u nġibu oħrajn ġodda. Qegħdin naħdmu sabiex nagħmlu minn pajjiżna *hub* għall-logħob diġitali.

Il-Gvern se jniedi, ukoll, ir-*Responsible Gaming Foundation* sabiex, flimkien mal-privat tiġi promossa l-importanza ta' logħob responsabbli.

### STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAR-RIĊERKA U INNOVAZZJONI

Bħalissa, l-infiq nazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni huwa ta' 0.72%. Irridu li dan jiżdied għal 2% sal-2020. L-ewwel pass għal din il-mira huwa t-tfassil tal-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2020.

Se jkun hemm, ukoll, inizjattivi ġodda ta' *Hybrid Venture Capital Fund* kif ukoll qed jitnieda l-*Innovation Voucher Programme*. Se jiġu offruti boroż ta' studju ta' livell post-dottorali kif ukoll programm ta' *placements* għar-riċerkaturi Maltin u Għawdxin f'istituti internazzjonali tar-riċerka. Se ninvestu, ukoll, fiċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza li se jkun *landmark* għal pajjiżna. Dan il-proġett, li se jkun ko-finanzjat minn fondi Ewropej, se jinbeda b'nefqa ta' €8 miljun ewro.

### *JEREMIE U MICROINVEST*

Wara li l-Gvern estenda l-iskema tal-*Jeremie* għall-intrapriżi żgħar u medji, b'investiment addizzjonali ta' 2 miljun ewro, ittieħdet id-deċiżjoni li terġa' tiddaħħal l-iskema *MicroInvest*. Permezz ta' din l-iskema, intrapriżi żgħar u s-*self-employed* se jingħataw għajnuna għall-investiment eliġibbli permezz ta' kreditu fit-taxxa ta' 45% tal-ispiża. Intrapriżi u persuni li jaħdmu għal rashom f'Għawdex se jingħataw kreditu ta' 65%.

### ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAL-ĦWIENET

Sabiex tiżdied il-kompetittività u s-servizz lill-konsumaturi hemm bżonn li neżaminaw u nirrevedu fejn hemm bżonn prattiċi li ilhom jeżistu. Fost dawn hemm ir-regolamenti dwar il-ġranet u il-ħinijet tal-ftuħ tal-ħwienet.

Hemm wisq regolamenti differenti u xi kultant kontradittorji.

Irid jintlaħaq bilanċ aħjar bejn li wieħed jagħti ħin ta' mistrieħ lin-negozji, speċjalment dawk tal-familja, u l-bżonn ta' ħafna familji li, minħabba li jaħdmu t-tnejn, isibuha diffiċli jagħmlu x-xiri f'ħinijiet tradizzjonali.

Wieħed irid jara jekk għandux iħalli f'idejn in-negozji li jagħżlu huma liema ġranet jagħlqu. Wieħed irid jeżamina ukoll jekk hemmx lok għal ħinijiet tal-ftuħ estiżi jew ħwienet ta' matul il-lejl. Tqum ukoll il-kwistjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema tal-ħwienet li ħafna drabi mhumiex protetti.

Għalhekk, il-Gvern se jniedi proċess ta' konsultazzjoni permezz ta' *White Paper* fejn l-i*stakeholders* kollha se jkunu jistgħu jagħtu l-fehmiet tagħhom sabiex il-Gvern ikun jista' jiddeċiedi bl-aħjar mod.

### INTERESSI U *CHARGES* BANKARJI FUQ IL-KUMPANIJI

Il-Gvern huwa mħasseb bl-allegat livell għoli ta' interessi li bih qegħdin jingħataw il-faċilitajiet bankarji lill-kumpaniji żgħar u medji. L-istess jista' jingħad għaċ-*charges* għolja. Rati ta' interessi u *charges* għolja jżidu l-ispejjeż għan-negozju u jnaqqru l-kompetittività ta' pajjiżna. Filwaqt li l-Gvern jifhem u jirrispetta s-suq ħieles fis-settur finanzjarju irid ukoll jappella lill-banek kollha kif ukoll lill-awtoritajiet regolatorji jifhmu t-tħassib ta' ħafna persuni u negozji. Il-Gvern għalhekk qiegħed permezz tad-diskors tal-baġit jitlob lill-MFSA u lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni jeżaminaw din is-sitwazzjoni u jaraw hemmx lok ta' azzjoni korrettiva. It-triq preferita tibqa' dik ta' qbil mal-operaturi.

### PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI FIS-SERVIZZI FINANZJARJI

Qiegħda ssir ħidma sabiex jitwettqu proposti tal-Gvern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi Maltin u Għawdxin, partikolarment bil-ħolqien ta' Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, it-tfassil ta' *Charter* dwar id-Drittijiet tal-Investituri Żgħar; u ċ-*Charter* dwar id-Drittijiet tal-Klijenti tal-Banek.

### LIĠI DWAR IN-NEGOZJI TAL-FAMILJA

Hemm madwar 31,000 negozju żgħir tal-familja li bejniethom iħaddmu 'l fuq minn 38,400 persuna. L-għan tal-Att dwar in-Negozju tal-Familja se jkun is-sostenibbiltà ta' dawn in-negozji u sabiex jiffaċilita u jinċentiva t-trasferiment tagħhom meta jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra, ħalli dan in-negozju jiġi kkonsolidat u mhux frammentat.

### ĊAQLIQ TAL-MONTI

Il-Monti tal-Belt, li jagħti impjieg lil 74 negozju tal-familja, se jkun rilokat għal Triq l-Ordinanza. Dan għandu jkun ta' benefiċċju kemm għall-bejjiegħa kif ukoll għall-konsumaturi, u jagħti aktar ħajja lin-negozju. Bi ħsiebna ninsistu għall-uniformità fl-*istands* u l-indafa. Min mhux se jżomm mal-*istandards* maqbula se jissogra li jitlef il-liċenzja.

## INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA

Il-livell tal-infrastruttura ta' pajjiż huwa meħud bħala indikatur ewlieni tal-kapaċità tal-pajjiż li jkun kompettittiv u jattira l-investiment barrani.

Apparti l-allokazzjonijiet li tkellimt dwarhom qabel, fosthom dawk fl-iskejjel, fit-toroq u fil-kumplessi sportivi ġodda, se nkunu qed naħdmu biex intejbu l-qagħda tat-traffiku f'pajjiżna. Għandna programm ambizzjuż ta' titjib fit-toroq tagħna. Se nonoraw ukoll il-wegħda li konna għamilna waqt l-elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali tal-2012 dwar titjib fl-istat tat-toroq. Fil-Mosta, se

naħdmu fiż-żona magħrufa bħala tal-Blata l-Għolja waqt li f'Ħal Qormi naħdmu fuq il-Pont fuq Triq is-Sebħ li l-Gvern ta' qabel ma riedx jagħmel għaliex qal li ma jużawhx biżżejjed nies. Għalina dawn il-familji Qriema u uliedhom huma importanti daqs ħaddieħor u rridu naġixxu qabel jintilfu aktar ħajjiet.

### PJAN GĦAT-TRAFFIKU U T- TRASPORT

It-traffiku qed isir dejjem aktar problema u qed jimpatta l-produttività tal-pajjiż b'nies jaħlu l-ħin maqbuda fit-toroq. Inċidenti zgħar qed iwasslu għall-imblukkar anke minħabba l-mod kif inbnew ċerti toroq. Il-Gvern se jieħu miżuri *short*, *medium* u *long-term*.

*Short-term*: wara konsultazzjoni se nipprojbixxu ċ-ċirkulazzjoni ta' trakkijiet industrijali kbar u żwiemel f'toroq arterjali waqt ċerti ħinijet tal-ġurnata.

*Medium-term*: Se nagħtu prijorità lill-proġetti li jħaffu t-traffiku f'żoni fejn dan jinġema' sistematikament. Il-*fly-over* tal-Kappara se tgħin għal dan il-għan u, x-xogħol fuqha mistenni jibda din is-sena.

*Long-term*: hemm bżonn pjan li jesplora kif it-trasport ta' Malta u Għawdex se jkun għall-ġejjieni. Diġà qed isir studju dwar pont bejn Malta u Għawdex u se nerġgħu napplikaw għal fondi Ewropej għal studju dwar *tunnel* u għażliet oħra wara li l-applikazzjoni magħmula mill-Gvern preċedenti ma ġietx aċċettata.

Issa se niddedikaw fondi Ewropej għal studju usa' li għandu jieħu in kunsiderazzjoni *options* differenti għall-pajjiż. Fil-qafas ta' dan l-istudju se nesploraw il-fattibilità ta' modi ġodda ta' trasport fosthom l-*underground*, *monorail* u trasport bil-baħar.

### PARKING U CVA

Id f'id mal-kwistjoni tat-traffiku hemm dik tal-parkeġġ fejn il-Gvern qiegħed jistudja u se jħabbar diversi inizjattivi sabiex jinħolqu iktar postijiet tal-parkeġġ bi pjan. Il-lok fejn l-iktar li tinkwetana s-sitwazzjoni hija l-Belt Valletta. Is-sitwazzjoni fil-Belt Valletta marret għall-agħar kemm ilu li l-*park and ride* għadda għand l-operatur tat-trasport pubbliku. In-nuqqas ta' *parking* qed iwassal għal effett dirett fuq in-negozju. Fattur ieħor hija s-sistema tas-CVA kif inhi llum il-ġurnata. F'dan l-istadju l-Gvern qed iħabbar li hekk kif propost se jkun qed ibiddel il-ħinijiet u l-kundizzjonijiet tas-CVA. Minn Diċembru li ġej d-dħul fil-Belt Valletta se jsir b'xejn wara s-sagħtejn ta' wara nofsinhar matul il-ġimgħa, kif ukoll, is-Sibt il-ġurnata kollha. Dan għandu jagħti spinta lin-negozju.

### Trasport Pubbliku

Il-Gvern għaddej b'taħditiet delikati ħafna mal-operaturi tat-trasport pubbliku sabiex jindirizza l-problemi kbar li writna f'dan il-qasam. Il-futur u l-forma tat-trasport pubbliku f'Malta jiddependu mill-eżitu ta' dawn it-taħditiet.

### Inħallsu Lura t-Taxxa fuq ir-Reġistrazzjoni tal-Karozzi

Kif wegħedna, se nibdew inwettqu l-wegħda tagħna li nagħtu rifużjoni ta' taxxa li ħassejna li ma kinetx dovuta fuq ir-reġistrazzjoni tal-vetturi. Għal dan il-għan, qegħdin nivvotaw is-somma ta' 3.5 miljun ewro sabiex mis-sena d-dieħla kull min ħallas taxxa żejda jirċievi ċekk bi ħlas lura. Il-proċess se jsir fuq medda ta' 7 snin u se nagħtu pagament *ex gratia* lil dawk li rreġistraw vettura għal skop ta' użu personali bejn l-ewwel ta' Mejju 2004 u Diċembru 2008. Id-dettalji ta' kif se titħaddem din l-iskema se jiġu ppubblikati fil-jiem li ġejjin. Li kien għal ħaddieħor dawn il-flus baqgħu għand il-Gvern.

### Air Malta

Il-Gvern se jkompli jżomm lill-*management* preżenti tal-Air Malta responsabbli. Wara li din is-sena għaddejna 40 miljun ewro lill-Air Malta għat-tisħiħ tal-Kapital tagħha, se ngħaddu 15-il miljun ieħor fl-2014 għall-istess għan. Ta' dawn il-flus tat-*taxpayers* nistennew ir-riżultati.

### Ċentru ta' Riċerka fl-Avjazzjoni

Il-Gvern identifika s-settur tal-avjazzjoni bħala wieħed li jista' jespandi u jikber. Is-sena li ġejja se tinħoloq Awtorità tal-Avjazzjoni. Se titfassal ukoll Politika tal-Avjazzjoni Ċivili. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 150,000 ewro għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Riċerka fl-Avjazzjoni.

### Studju dwar *Airstrip* f'Għawdex

Il-Gvern se jikkummissjona studju soċjo-ekonomiku u ieħor tekniku, flimkien ma' studju dwar l-impatt ambjentali, dwar l-effett ta' *airstrip* itwal f'Għawdex. Wara proċess ta' konsultazzjoni bbażat fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' dan l-iżvilupp, il-Gvern se jieħu deċiżjoni strateġika għall- futur.

## INVESTIMENT FL-AMBJENT TA' PAJJIŻNA

F'dan il-baġit, qegħdin nallokaw aktar minn 103.6 miljun ewro sabiex ninvestu u nsostnu l-oqsma ambjentali u dawk agrikoli, fejn se titfassal Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent u nwettqu l-istrateġija dwar *Green Jobs*.

### Separazzjoni tal-MEPA

Għaddejjin bl-arranġamenti meħtieġa sabiex jinfirdu id-direttorati tal-ippjanar u dak tal-ambjent fil-MEPA. Bit-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-Ambjent u r-Riżorsi se niggarantixxu li l-Ambjent ikollu *focus* speċifiku bl-importanza meħtieġa u jkun fiċ-ċentru ta' kull inizjattiva u deċiżjoni li tittieħed. Min-naħa l-oħra, t-tnaqqis tat-tariffi tal-ippjanar ta kuraġġ ġdid kemm lill-familji u n-negozji li jridu jinvestu.

Il-kwalità tal-arja se tkun prijorità u se tingħata l-importanza mistħoqqa bi strutturi adegwati, b'moniteraġġ aktar effettiv u bl-implimentazzjoni li hemm bżonn.

Is-saħħa ambjentali se titpoġġa fiċ-ċentru ta' deċiżjonijiet ewlenin li se jkunu qegħdin jittieħdu b'ħidma koordinata u b'koperazzjoni bejn il-Ministeri.

Is-sena d-dieħla, mistennija tiġi approvata il-leġiżlazzjoni dwar it-tniġġiż ikkawżat mill-ħsejjes. L-Att dwar l-Iżvilupp Sostenibbli pprovda għat-twaqqif tal-Gwardjani għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u għan-*Network* dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

### Immaniġġjar tal-Iskart

Il-pjan li kellu pajjiżna għall-immaniġġjar tal-iskart ma kienx konformi mad-Direttiva Ewropea. Għalhekk, wara konsultazzjoni pubblika, tfassal Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart. Se titwettaq kampanja ta' informazzjoni dwar l-iskart u l-immaniggjar tiegħu. Minbarra dan, beda l-proċess ta' ristrutturar tal-WasteServ wara n-nuqqasijiet gravi misjuba mill-Awditur Ġenerali.

### Park tal-Familja

Wara li, għall-ewwel darba, twaqqaf *Unit* għall-Immaniġġjar tal-*Park* tal-Familja, tfassal ukoll Pjan għall-Manutenzjoni u l-Immaniġġjar tal-*Park*. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' 200,000 ewro.

### Tibdil fil-Klima

Fis-settur tal-Klima se jkun hemm it-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-politika għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament. Hawnhekk, qegħdin infasslu liġi komprensiva dwar it-tibdil fil-klima.

### Tisbiħ ta' Inħawi Urbani

Fil-qasam ambjentali se nieħdu diversi miżuri oħra. Se nibdew programm pilota ta' investiment fi qsari li jsebbħu ż-żoni urbani tagħna. Qegħdin nallokaw 200,000 ewro għal dan il-għan.

Il-Gvern mhux kuntent bl-istat ta' tindif u manutenzjoni li għandna f'pajjiżna. Is-sbuħija ta' pajjiżna qiegħda tittappan bin-nuqqasijiet, kultant serji, li għandna fis-sistema tat-tindif u l-manutenzjoni ta' żoni pubbliċi. Hemm Kunsilli Lokali li mhux qed ilaħħqu mal-bżonnijiet tal-lokalitajiet tagħhom, fost l-oħrajn iż-żoni turistiċi. Min-naħa l-oħra hemm Kunsilli Lokali li mhux qed jagħtu l-prijorità mistħoqqa lit-tindif tal-belt jew raħal tagħhom. Il-familji u n-negozji huma mdejjqa meta jaraw din it-telqa. Għal dan il-għan, il-Gvern, b'konsultazzjoni ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam se jieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex dan il-qasam jiġi organizzat aħjar.

### Eko-kontribuzzjoni

Il-Gvern għaddej b'evalwazzjoni ta' din it-taxxa sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwarha wara li jikkonsulta ma' min għandu interess f'din il-materja sabiex din it-taxxa ssir aktar ġusta u ma titfax negozji tal-affari tagħhom fi żvantaġġ.

### Tnaqqis fit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni tal-Vetturi

Se nnaqqsu wkoll it-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-karrozzi u l-muturi.

Issa li t-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-karrozzi (kategorija M1) qiegħda tinħadem fuq kriterji li jinkludu l-*euro standard*, se titnaqqas it-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq ċertu kategoriji ta' karrozzi wżati li jiġu impurtati minn barra l-Unjoni Ewropea. Din tgħodd għall-karrozzi li ma jniġġżux iżjed minn 150g/km u għandhom sa 8 snin.

It-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-muturi b'ċilindraġġ ta' 250cc jew iżjed, se titnaqqas b'25%. Infakkar li muturi b'ċilindraġġ iżgħar ma jħallsux taxxa.

### Skema tal-Iskreppjar tal-Vetturi

Se nerġgħu ndaħħlu skema għall-iskrappjar tal-vetturi qodma u li jħammġu. Permezz ta' din l-iskema se nagħtu għajnuna ta' bejn 500 u 900 ewro għal kull vettura. Anqas ma' l-vettura l-ġdida tkun tħammeġ, aktar tingħata għajnuna. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' 600,000 ewro fuq sentejn.

### Konverżjoni għal Autogas

Sabiex innaqqsu t-tniġġiż tal-arja, se nkomplu ninvestu fl-iskema għall-konverżjoni tal-vetturi għall-*autogas* u sabiex ngħinu fl-infrastruttura li hemm bżonn issir fis-*service stations* tagħna għal dan il-għan.

**AGRIKULTURA**

Fil-qasam agrikolu sar kull sforz sabiex l-għajnuniet jibqgħu jingħataw lill-bdiewa tal-frott u l-ħxejjex, dawk li jaħdmu d-dwieli għall-għasir kif ukoll lill-produtturi tat-tadam. Issa rridu naħdmu sabiex intejbu l-kwalità tal-prodott Malti.

**PITKALIJA**

Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jniedi r-riforma tal-Pitkalija kemm fuq livell strutturali kif ukoll dak operattiv. Il-Pitkalija ilha mitluqa snin twal u l-aħħar xogħol kien sar fi żmien Gvern Laburista. Dan qiegħed isir sabiex ikollna sistema fejn il-prodott ikun *graded* u biex kemm il-bidwi kif ukoll il-konsumatur jingħataw dawk il-garanziji ta' kwalità u prezz ġust. Qed neżaminaw ukoll proposti għal żviluppi privati f'dan il-qasam.

**BIĊĊERIJA**

Il-biċċerija tal-Marsa tħalliet f'qagħda mwiegħra fejn jekk ma jsir xejn din tista' tingħalaq għax ma tkunx tlaħħaq mal-*istandards* Ewropej. Sabiex nindirizzaw din il-probema, se jinbeda xogħol estensiv ta' titjib fil-biċċerija.

**TINED GĦAR-RAĦĦALA**

Qegħdin nivvotaw, ukoll, is-somma ta' 2.6 miljun ewro fuq tliet snin sabiex nibdew nonoraw l-impenn, li kien daħal għalih il-Gvern preċedenti mingħajr ma ħaseb għall-flus, li jgħin lir-raħħala li investew fit-tined tal-baqar.

**SAJD U AKWAKULTURA**

Id-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura bħalissa għaddej bi proċess ta' tisħiħ. Se titħejja wkoll Strateġija Nazzjonali dwar is-Sajd u l-Akwakultura sabiex niżguraw il-futur ta' din l-industrija. Il-Bord Konsultattiv preżenti se jinbidel għal kunsill bil-parteċipazzjoni tal-koperattivi u operaturi f'dawn l-oqsma.

Hemm ppjanati *breakwater* ħdejn il-*hardstanding facility*, u r-restawr ta' dak eżistenti ħdejn il-*power station* ta' Delimara u tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar. *Landing site* oħra se tiġi żviluppata fil-Marsa fil-viċinanzi tal-pixkerija l-ġdida. Se jsir proġett ta' *marine hatchery* bejn il-Gvern u l-privat li ġibdet interess kbir anki internazzjonali. Se ndaħħlu skema għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq għas-sajd tal-pixxispad.

**Trattament Xieraq tal-Annimali**

Matul din is-sena saret ħidma intensiva mill-Gvern favur id-drittijiet tal-annimali.

Twaħħlu it-tined għaż-żwiemel, iddaħħlu *Dog Friendly Swimming Zones* u saret kampanja ta' tiswija u *microchips* b'xejn għall-klieb u tiswija tal-qtates. Iddaħħlet ukoll ir-regolamentazzjoni tal-*petshops*, santwarji tal-annimali u *boarding kennels*.

Wara konsultazzjoni pubblika, se tiġi mfassla politika ġdida dwar l-operat taċ-ċirkli f'Malta. Il-Gvern qiegħed iħejji *White Paper* li timmira li sal-2014 iċ-ċirkli li jisfruttaw l-annimali jinqatgħu minn pajjiżna.

## SIGURTÀ NAZZJONALI

Għas-sena d-dieħla, qegħdin nipproponu n-nefqa ta' kważi 139 miljun ewro sabiex inħarsu s-sigurtà tal-poplu tagħna.

Din is-sena, l-Armata serviet lill-pajjiżna kemm lokalment, kif ukoll, barra l-pajjiż, u kisbet ammirazzjoni internazzjonali fil-kriżi tal-immigrazzjoni.

Inxtara *helicopter* ġdid b'investiment ta' 20 miljun ewro u se jibda l-proċess għax-xiri tat-tieni wieħed. Se ninvestu wkoll, fost oħrajn, f'*microwave link* ġdid għaċ-ċentru tal-operazzjonijiet fil-bażi marittima.

Ittieħdu passi sabiex il-Korp tal-Pulizija jkompli jissaħħaħ u jimmodernizza ruħu. Waqqafna r-*Rapid Intervention Unit (RIU)*.

Il-Korp investa f'apparat ġdid kif ukoll f'ilbies protettiv għall-Pulizija tat-Traffiku. Tkompla x-xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni f'diversi għases u taqsimiet tal-Korp. Ġie installat ukoll *Audio Visual Recording Equipment* biex jintuża waqt l-investigazzjonijiet kriminali.

Kompla x-xogħol fuq il-bini tal-Akkademja tal-Pulizija l-ġdida. Saru pjani għal numru ta' proġetti taħt l-*Asylum and Migration Fund* (AMF) u l-*Internal Security Fund* (ISF).

Qiegħed isir tisħiħ u riorganizzazzjoni tad-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili. Inbeda x-xogħol ta' reviżjoni tal-*Master Plan* dwar id-diżastri. Għas-sena li ġejja, se jinbeda programm ta' investiment f'vetturi ta' emerġenza. Se nħarsu,

ukoll, lejn il-bżonn u l-firxa tal-istazzjonijiet għat-tifi tan-nar. Hu ppjanat li l-Kwartieri tad-Dipartiment jiġu trasferiti għall-Mosta.

Matul is-sena li ġejja mistenni li tibda tinħareġ il-Karta tal-Identità l-ġdida. Ma' dan il-proċess se naħdmu biex ngħaqqdu dak biex in-nies jirreġistraw għal e-ID.

### Gvern Lokali

Qegħdin naħdmu sabiex il-Kunsilli Lokali jgħinu lill-familji u n-negozji tagħna u mhux iservu ta' xkiel permezz ta' burokrazija żejda. Il-Kunsilli Lokali għandu jkollhom rwol ċentrali fl-immaniġġjar tar-riżorsi nazzjonali u fl-użu produttiv tal-kapital kulturali u storiku ta' pajjiżna.

Il-Gvern se jgħin lill-Kunsilli Lokali sabiex ixandru l-laqgħat tagħhom fuq l-internet.

### Riforma tal-Gwardjani Lokali

Qegħdin nippjanaw riforma fil-qasam tal-Gvern Reġjonali u dak tal-Gwardjani Lokali. Għalhekk, permezz ta' *White Paper*, il-Gvern irid jikkonsulta qabel jiddeċiedi. L-għan tagħna hu li l-Gwardjani Lokali ma jkunux hemm sempliċiment biex jiġbru l-flus mill-multi iżda li jkollhom rwol edukattiv.

## NIBNU SISIEN SODI GĦALL-QASAM TAS-SAĦĦA

Irridu noffru kwalità ta' kura effiċjenti u b'xejn għal kulħadd u se naħdmu flimkien mas-settur privat biex inrendu aktar.

Għas-sena li ġejja, qegħdin nipproponu li nonfqu kważi 444 miljun ewro fuq il-qasam tas-saħħa, żieda ta' kważi 38 miljun ewro jew 9.3% fuq l-aħħar baġit.

L-istrateġija tagħna se tkun iffukata fuq il-binja ta' tmexxija nazzjonali waħda.

L-aktar *issues* urġenti huma l-mod ta' kif jitmexxa Mater Dei u l-*istock management* tal-mediċini, inkluż il- *Pharmacy of Your Choice*.

### Rapport dwar l-istat ta' Mater Dei

Fil-qasam tas-saħħa għandna professjonisti u ħaddiema tal-aqwa kwalità. Għandna ukoll sptar relattivament ġdid. Madanakollu l-problemi baqgħu l-istess. Għall-flus li nonfqu, it-*taxpayers* mhux qed jieħdu valur lura biżżejjed.

F'ħafna każijiet hija kwistjoni ta' *management*. Qed isiru sforzi f'diversi oqsma permezz ta' persuni nvoluti iżda għadna lura.

Ridna nibdew bil-Mater Dei u nieħdu ritratt tas-sitwazzjoni kif inhi. L-eks-Ministru John Dalli ħadem fuq rapport għal dan il-għan li wħud mis-sejbiet tiegħu se jixxukkjaw lit-*taxpayers* daqskemm ixxukkjaw lilna. Kuntrarju għal rapporti oħra li saru taħt il-Gvern ta' qabel, bi ħsiebna nippubblikaw dan ir-rapport u nagħmlu konferenza għall-i*stakeholders* fejn dan jiġi diskuss.

Ir-rapport jagħti suġġerimenti li huma tal-awtur u li l-Gvern jixtieq li jkun hemm diskussjoni u konsultazzjoni dwarhom biex wara jinkiseb kunsens dwar it-triq 'il quddiem sabiex is-servizz f'Mater Dei jitjieb u flus it-*taxpayers* jintużaw bl-aħjar mod u nitrattaw b'mod aktar effettiv *u long-term* il-problema tal-*waiting lists*.

Qegħdin naħdmu sabiex insolvu l-problema ta' sodod okkupati fl-isptar minn pazjenti li ħaqqhom kura residenzjali. Irridu nsolvu l-problema ta' pazjenti fil-kuriduri.

Sadanittant diġà żidna 40 sodda fl-isptar Mater Dei. Qegħdin naħsbu sabiex sal-2015, ikollna żewġ swali akuti ġodda li jesgħu 68 pazjent. Se nħaffu l-proċess tal-appuntamenti fl-isptar u se nissimplifikaw il-proċeduri biex nagħmlu l-Isptar Mater Dei aktar aċċessibbli u *patient-friendly*.

Hu ppjanat li d-Dipartiment tad-Dermatoloġija fl-isptar Boffa jiġi rilokat għall-Isptar Mater Dei.

### Ħlas tal-Passaġġ għaż-Żewġ Ġenituri

L-arranġamenti bilaterali ma' diversi pajjiżi, fosthom l-Italja u l-Iżrael, se jikbru biex b'hekk inkabbru t-trattament offrut barra minn xtutna.

Inħabbar wkoll li se nibdew inħallsu l-passaġġ tal-ajru tat-tieni ġenitur li jakkumpanja l-wild. B'hekk tfal li jittieħdu għal kura barra minn Malta se jkunu jistgħu jiġu akkumpjati miż-żewġ ġenituri.

### Strateġiji fil-Qasam tas-Saħħa

L-istrateġiji nazzjonali dwar l-obeżità u tas-saħħa sesswali se jissaħħu. Se nħejju pjan Nazzjonali dwar il-marda tad-dijabete. Qegħdin nirrevedu l-*Food and Nutrition Policy* fejn, fost l-oħrajn, se tiġi ppubblikata *White Paper* dwar regolazzjoni u bejgħ ta' prodotti ta' *Food Supplements*. Tlesta wkoll abbozz ta' pjan għall-mard rari.

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA U BEREĠ**

Għan prinċipali tagħna huwa li ċ-ċentri tas-saħħa kollha jkunu attrezzati tajjeb biex il-kura primarja tissaħħaħ u l-poplu jgawdi mill-valur miżjud. Se naħdmu flimkien mas-settur privat. Se jkun hemm ukoll il-kliniċi ta' prevenzjoni u ta' promozzjoni tas-saħħa u *lifestyle clinics,* l-*outreach clinics* ta' kura speċjalizzata, kif ukoll is-sevizz ta' *anti-coagulant clinics*.

Qegħdin naħsbu sabiex il-bereġ ikunu devoluti lill-Kunsilli Lokali sabiex nimmassimizzaw is-servizz.

L-immodernizzar taċ-ċentri tas-saħħa eżistenti miexi. Ċentri oħra se jiżdidilhom il-ħin tal-ftuħ. Se nibdew b'dak ta' Birkirkara. Iċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat Għawdex se jiġi rilokat f'post aħjar, filwaqt li dak preżenti jinfetaħ bħala berġa.

L-akbar prijorità fis-saħħa komunitarja hija li nikkonsolidaw is-servizzi tal-i*screening* tal-musrana l-kbira u nestendu gradwalment s-servizz tal-*iscreening* tas-sider u tal-għonq tal-utru.

**IT-TMEXXIJA TAL-QASAM TAL-MEDIĊINI**

Sibna sitwazzjoni fejn l-aktar elementi bażiċi ta' sistema li taħdem mhumiex preżenti. Fuq kollox, il-Gvern lanqas kellu *overview* sħiħa tas-sitwazzjoni tal-mediċini fil-qasam tas-saħħa kollu. Fi kliem ieħor, nuqqas ta' komunikazzjoni fejn il-Gvern mhux bilfors jaf x'għandu u mhux dejjem jaf x'għandu bżonn.

Dan iwassal għal sitwazzjoni assurda fejn fuq naħa hemm pilloli *out-of-stock* u fuq naħa oħra l-awtoritajiet isibu kamra b'ammont kbir ta' mediċini li jkunu skadew jew apparat mediku mitluq u li għalhekk ma jkunx jista' jintuża.

Fuq naħa, nies mhux moqdija u fuq oħra miljuni mormija. Dan li writna. Sistema ta' min jemmen li mediċini *out of stock* huma l-istess bħal prodotti *out of stock* għand tal-*grocer*.

Bdejna ndaħħlu s-sistemi li hemm bżonn biex ikollna *stock management* tajjeb. Mill-aspett ta' tagħmir mediku, introduċejna s-sistema ta' *pay-per-use,* fil-każ ta' tagħmir mediku, li biha l-Gvern iħallas biss għal dak li jordna u juża. Bdejna, ukoll, il-ħidma sabiex niċċentralizzaw il-ħażna tal-mediċini. Irridu nimmodernizzaw is-sistema ta' kuntratti u xiri biex tagħraf ir-realtajiet tal-lum.

Irridu nagħmlu bidliet akbar biex inżommu s-sistema ta' mediċini b'xejn sostenibbli. Nemmnu li hemm ħafna nies li għandhom ideat tajba u rridu wkoll nikkunsidraw is-sehem tal-privat li nemmnu li jista' jikkontribwixxi.

Għal dan il-għan se nippubblikaw *White Paper* dwar il-mod kif jitmexxa l-qasam tal-mediċini u dwar it-tħaddim tal-POYC.

Inħeġġu lil kull min huwa interessat biex jikkontribwixxi. L-għan tagħna huwa li nimxu minn *crisis management*, sistema li sibna u li mhux sostenibbli fit-tul, għal *management structure* li tixraq lil pajjiż modern.

### *In-Vitro Fertilisation (IVF)*

Se ndaħħlu, wkoll, is-servizz tal-fertilità li jwassal għall-*In-Vitro Fertilisation (IVF)*. Dan se jsir minkejja problemi li nqalgħu fl-għoti tat-*tender*.

### Obeżita' u *Anorexia*

Inħabbar wkoll il-ftuħ ta' Dar il-Kenn li hu ċentru speċjalizzat għall-kura speċjalizzata ta' kundizzjonijiet marbuta ma' rquqija jew ħxuna żejda. Dan se jsir fuq inizjattiva tal-President tar-Repubblika. Minn hawn nirringrazzjah.

Qegħdin isiru wkoll il-preparamenti meħtieġa biex jibda jopera l-isptar tal-Onkoloġija. Madanakollu x-xogħol mhux miexi skont l-iskeda u se ninsistu malkuntratturi li jżommu mad-*deadlines* maqbula.

### Sptar Generali t'Għawdex

Se nkomplu nirriformaw l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhux l-anqas billi nlestu l-proġetti tal-kuriduri u s-soqfa tagħhom, l-*upgrade* tas-swali u l-*outpatients*, il-ftuħ ta' kċina ġdida u l-manutenzjoni tas-sistema elettrika.

### Servizz tal-Kimoterapija f'Għawdex

Din is-sena se nintroduċu s-servizz tal-kimoterapija f'Għawdex. Se nifthu *Day Care Ward*. Se nintroduċu servizzi ġodda bħal *Pain Clinic,* ir-*Rheumatology* u dak tal-*Urology*. Bil-ftuħ ta' sala ta' tmien sodod għall-operazzjonijiet tal-Ortopedija se ntaffu mil-listi tal-istennija. Se nsaħħu wkoll l-kunċett ta' *shared posts* f'livell ta' konsulenti biex b'hekk inwessgħu u nressqu s-servizzi li jingħataw fiż-żewġ gżejjer lejn xulxin.

### Kura tas-Saħħa Mentali

Ir-riformi kbar li se jsiru fil-kura tas-saħħa mentali se jaraw qabża ta' kwalità f'dan is-settur. Dawn il-pazjenti, tant vulnerabbli, se jinżammu fil-komunità biex b'hekk il-pazjent ikun jista' jkompli bil-ħajja soċjali bl-għajnuna ta' *health care professionals*.

Tħejja pjan għal titjib fil-kura kemm fl-Isptar Monte Carmeli, id-diversi ċentri oħra u fuq kollox il-*Young People's Unit (YPU)*. Se nżidu s-servizzi għall-kura mentali fil-komunità.

### Multiple Sclerosis, ADHD u ME

Qegħdin nerġgħu nivvutaw baġit għall-mediċini ġodda għal kundizzjonijiet bħal *Multiple Sclerosis (MS)*, *Fibromalgia, Attention Deficit Hyperactive Disorder (ADHD)* u fit-tfal filwaqt li se titwessa' l-għażla tal-mediċini. Il-*Myalgic Encephalomyelitis* hija kundizzjoni kronika kkaratterizzata minn għejja kbira kif ukoll sintomi oħra. Peress illi m'hemmx kura speċifka għaliha qiegħda ssir analiżi tal-bżonnijiet ta' min ibati biha sabiex naraw kif nistgħu ntejbu s-sevizzi mogħtija.

### Iffriżar tad-Demm

F'pajjiżna għandna ftit persuni li għandhom gruppi ta' demm rari. Dawn il-persuni dejjem beżgħana li jekk jinqala xi haġa ma jkunx hemm demm tagħhom disponibbli. Kien hemm okkażjonijiet fejn kellu jiġi impurtat demm b'emerġenza u bi spiża kbira. Għalhekk se ninvestu f'apparat tal-iffriżar tad-demm li jippermetti, fost l-oħrajn, li persuna sserraħ moħħha li dejjem hemm tip ta' demm tagħha maħżun.

## TKABBIR EKONOMIKU LI JILĦAQ LIL KULĦADD

Il-politika soċjali tal-Gvern hija msejsa fuq is-solidarjetà soċjali u mdawwla mill-prinċipji tal-ġustizzja, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali. Dan kollu li qed nagħmlu biex noħolqu l-ġid huwa ispirat biex imbagħad dan il-ġid jitqassam b'mod ġust. Għalhekk Malta Aktar b'Saħħitha, Malta Aktar Ġusta.

Il-politika soċjali tal-Gvern għandha tliet miri ewlenin. Is-sistema tal-*welfare* tagħna trid tindirizza realtajiet u l-problemi tal-lum. Is-sistema tas-sigurtà soċjali, inkluż il-pensjonijiet, trid tissaħħaħ, issir aktar adegwata u sostenibbli. Il-benefiċċji soċjali għandhom jitħallsu lil min verament ħaqqu sabiex ħadd ma jaqa' fir-riskju tal-faqar.

Qegħdin nipproponu nefqa ta' aktar minn 970.7 miljun ewro għas-sostenn tas-servizzi soċjali, il-pensjonijiet, firxa wiesgħa ta' servizzi oħra, u għad-djar soċjali. Dan l-ammont li ma jinkludix l-i*State Grant* ifisser żieda ta' 53.4 miljun ewro jew 5.8% fuq l-aħħar baġit.

### MEKKANIŻMU UNIKU GĦALL-ITTESTJAR TAL-MEZZI

Il-Gvern qiegħed jaħdem sabiex jiddaħħal mekkaniżmu wieħed għall-ittestjar tal-mezzi għal dawk li japplikaw għal numru ta' benefiċċji minn entitajiet diversi tal-Gvern.

Dan sabiex jitneħħew l-anomaliji eżistenti.

### PENSJONIJIET

Il-Gvern irid jindirizza bis-serjetà l-isfidi kbar li għandu pajjiżna fil-qasam tal-pensjonijiet. Waqqafna Grupp ta' Ħidma sabiex ifassal strateġija sħiħa li tindirizza l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Din l-istrateġija se tkun ukoll ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet li kienu saru fl-2010.

Il-Gvern itenni l-wegħda tiegħu li ma jżidx l-età tal-irtirar. Se nwettqu dak li wegħedna. Fosthom li nibqgħu nagħtu l-pensjoni sħiħa lil dawk l-anzjani li jagħżlu li jkomplu jaħdmu wara l-età tal-irtirar.

Irridu nibdew proċess sabiex fuq medda ta' snin u b'mod gradwali nagħmlu l-Pensjoni Minima Nazzjonali ekwivalenti għal 60% tad-dħul nazzjonali medju.

### *THIRD PILLAR PENSIONS*

Se jiddaħħal qafas regolatorju għall-pensjonijiet privati (*third pillar*) li se jkun akkumpanjat minn inċentivi fiskali effettivi. Twaqqaf Grupp ta' Ħidma li diġà għamel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fosthom dwar x'tip ta' inċentivi fiskali għandhom jingħataw lil min jinvesti f'pensjonijiet bħal dawn. Il-Gvern bi ħsiebu jdaħħal dawn l-inċentivi fiskali wara li nikkonsultaw ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam. Huwa stmat illi fl-ewwel sena mid-dħul tagħhom dawn l-inċentivi se jiswew madwar miljun u nofs ewro.

### BOLOL NIEQSA

Jinkwetana l-fatt li hemm persuni ġenituri li jispiċċaw ma jiħdux pensjoni kemm ħaqqhom għaliex xi ħadd ikun qarraq bihom fil-ħlas tal-bolla jew xi fatturi ġenwini oħra.

Għalhekk ninsabu fil-fażi li nistudjaw mod ta' kif dawn il-bolol nieqsa jkunu jistgħu jitħallsu flimkien ma' ħlas addizzjonali.

Irrid nagħmilha ċara li qed naraw li programm simili jkun miftuħ għal każijiet ġenwini u ppruvati, u li ma ssir l-ebda inġustizzja ma' min kien dejjem regolari fil-ħlasijiet.

### PENSJONI SĦIĦA GĦAR-ROMOL LI JAĦDMU

Mis-sena d-dieħla, ir-romol se jibqgħu jibbenifikaw mil-pensjoni sħiħa tar-romol għaliex se nneħħu r-rabta li hemm bejn din il-pensjoni l-qligħ mix-xogħol u l-età tal-ulied. Qegħdin nivvotaw is-somma ta' 2.2 miljun ewro għal dan il-għan.

### PENSJONANTI TAS-SERVIZZ

Se nkomplu nwettqu l-miżura, li biha l-pensjonanti tas-servizz ikomplu jibbenifikaw minn titjib fil-pensjoni taż-żewġ terzi b'mod gradwali. Bħalissa, l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li ma titteħidx għall-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali huwa ta' 1,266 ewro. Mill-2014, dan se tiżdied b'200 ewro għal 1,466 ewro. Minn din il-miżura, stmata li tiswa 1.5 miljun ewro, se jibbenifikaw madwar 5,500 pensjonant.

### ANOMALIJI FIL-PENSJONIJIET

Se nibdew nistudjaw, ukoll, alternattivi kif nistgħu nikkoreġu l-anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-servizz li jolqtu lil numru ta' ħaddiema tal-Gvern li kienu impjegati qabel l-1979 u dawk tal-Korpi waqt li se nindirizzaw anomaliji oħrajn fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali fosthom tal-eks ħaddiema tat-Tarzna.

### POLITIKA DWAR IT-TFAL

F'Ġunju li għadda, il-Gvern ħoloq Kummissjoni Nazzjonali għall-iżvilupp ta' strateġija u politika dwar it-tfal. Dan sabiex nagħtu l-aħjar mezzi possibbli biex it-tfal jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u nnaqqsu l-fatturi li jxekklu l-iżvilupp tagħhom u li jpoġġuhom fir-riskju tal-faqar.

### INŻOMMU LILL-AĦWA FLIMKIEN

S'issa aħwa li ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom, qegħdin jinfirdu meta jingħataw għajnuna u kenn mill-istituzzjonijiet li għandna. Mis-sena d-dieħla, se nibdew proġett li permezz tiegħu se nibdew nassiguraw li f'interventi bħal dawn l-aħwa ma jinfirdux minn xulxin. Qegħdin nivvotaw 125,000 ewro għal dan il-għan.

### HOUSING SOĊJALI

Il-Gvern qiegħed iħares lejn il-qasam tad-djar b'mod sħiħ. Irridu nnaqqsu l-*waiting lists* għall-akkomodazzjoni soċjali. Writna 3,000 applikazzjoni filwaqt li hemm 48 post biss disponibbli. Nixtiequ ninċentivaw aktar is-suq tal-kera.

L-Awtorità qiegħda tagħmel eżerċizzju għar-reviżjoni tal-kirjiet soċjali skont kriterji ċari u indiċi dwar il-kirjiet li l-Awtorità se tistabbilixxi għall-familji u individwi.

### GĦAJNUNA GĦAL MIN IRID ISIR SID DARU

Irridu, ukoll, naraw kif aktar nies isiru sidien ta' darhom. Sabiex nibdew naslu, se nieħdu diversi miżuri. L-Awtorità tad-Djar se tidħol f'*Public Private Partnership* sabiex tibni aktar appartamenti għal persuni b'mezzi limitati. Ukoll, l-Awtorità se toħroġ għall-bejgħ ta' numru ta' appartamenti *shell*, jew inkella *semi-finished*, bi prezz issussidjat.

### MANUTENZJONI FL-OQSMA TAD-DJAR

Il-Gvern qiegħed jalloka wkoll 655,000 ewro lill-Awtorità tad-Djar sabiex twettaq xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fi blokki f'*estates* ta' djar qodma tal-Gvern fosthom dawk ta' San Pawl il-Baħar, Raħal Ġdid u t-Terrace tal-Isla.

### ANZJANITÀ ATTIVA

F'dan il-baġit, qegħdin nallokaw is-somma ta' kważi 67 miljun ewro għall-kura tal-anzjani u l-kura fil-komunità.

Il-*Politika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva*: *Malta 2014-2020* li għadha kif tħabbret fil-ġimgħat li għaddew tirrappreżenta nifs ġdid għall-politika Maltija dwar l-anzjanità.

Din il-politika għandha tliet għanijiet ewlenin. L-ewwel, li jinkiseb bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-irtirar. It-tieni, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali fost persuni li joħorġu mis-suq tax-xogħol. Fl-aħħar nett, l-aqwa kura tas-saħħa li hija ċentrali għall-kisba ta' anzjanità attiva.

### *Allowance* lill-Anzjani

Din is-sena estendejna l-*allowance* ta' 300 ewro lill-anzjani li ghandhom 78 sena jew aktar. Mis-sena d-dieħla, din l-*allowance* se tibda tingħata lill-anzjani li għandhom 75 sena jew aktar.

### *DAY CENTRES* FIL-BIRGU U ĦAL-BALZAN

Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi lill-anzjani sabiex jibqgħu jgħixu u jkunu attivi fil-komunità tagħhom. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw il-fondi neċessarji sabiex jiġi estiż is-servizz tal-*Home Help* u sabiex jinfetħu żewġ *day centres* fil-Birgu u f'Ħal Balzan.

### EŻENZJONI FUQ BOLLA TA' *LIVE-IN CARERS*

Ġie deċiż li nagħtu eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà nazzjonali kemm lill-anzjani kif ukoll lill-persuni b'diżabilità li jimpjegaw *live-in carer* bħala għajnuna sabiex huma jibqgħu jgħixu fi djarhom. Għal dan il-għan, qegħdin nivvotaw 210,000 ewro.

### DJAR TAL-ANZJANI

Inħarġet *expression of interest* għall- provvista ta' aktar soddod fid-djar tal-anzjani. Irridu li s-servizz jitjieb u fuq kollox ikun konsistenti.

Is-sena d-dieħla, se jsir xogħol ta' tisbiħ fuq *wards* 4 u 5, St Francis, fir-residenza San Vinċenz de Paule.

### IMMODERNIZZAR TAS-SERVIZZ TAT-*TELECARE*

Il-preferenza tagħna tibqa' li l-anzjani jibqgħu jgħixu fil-komunità. Irridu ntejbu s-servizzi għal dan il-għan. Bi ħsiebna ntejbu dan is-servizz tat-*Telecare* permezz ta' teknoloġija ġdida biex jiġi aġġornat għaż-żmien tal-lum. Dan se nagħmluh permezz ta' sħubija mal-privat.

### TISĦIĦ TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MILL-GĦAQDIET VOLONTARJI U NON-GOVERNATTIVI FIL-QASAM SOĊJALI

Il-Gvern beda proċess li bih irid isaħħaħ l-għaqdiet volontarji u non-governattivi. Irridu mmorru għal sistema fejn dawn l-għaqdiet isiru sħab mal-Gvern fl-għoti ta' assistenza soċjali mill-aqwa f'oqsma diversi bħat-tfal, familji, anzjani u persuni b'diżabilità.

Dan il-proċess għaddej fl-istess żmien li għaddejjin tħejjijiet intensivi biex jibda jitħaddem il-proġett LEAP li, fost oħrajn, se jkollu l-għan li jsaħħaħ lill-għaqdiet volontarji u non-governattivi.

Il-proġett LEAP se jkun, ukoll, qed jgħin fit-tfassil tal-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali għall-10 snin li ġejjin. Fl-ewwel gimgħa ta' Diċembru se tinħareġ *Green Paper* dwar din l-istrateġija għall-konsultazzjoni. Wara dan, fi Frar 2014, se tiġi addottata l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Faqar u l-Eskluzjoni Soċjali bħala l-politika tal-Gvern.

**PERSUNI B'DIŻABILTÀ**

Il-persuni b'diżabilità huma priorità. Dawn għandhom kontribut siewi x'jagħtu lis-soċjetà tagħna. Irridu nkomplu nsaħħu u nħarsu d-drittijiet u nassiguraw l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà. Sabiex inkomplu nagħmlu dan, se nieħdu is-sitt miżuri li ġejjin:

***GUARDIANSHIP* LIL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

Is-sena d-dieħla, se ninvestu sabiex nagħtu servizz ta' *guardianship* lill-persuni b'dizabilità intellettwali. Dan huwa servizz li jgħin biex jitnaqqsu l-possibilità ta' abbużi fuq dawn il-persuni.

**200 POST AKTAR FID-*DAY CENTRES***

Se nżidu n-numru ta' postijiet fid-*day centres* b'200 għal 600. Għal dan qegħdin nivvotaw is-somma ta' 900,000 ewro. Irridu noħolqu aktar postijiet biex persuni b'diżabilità jieħdu sehem f'attivitajiet u jagħtu kontribut.

**TITJIB FIR-RESIDENZI TAL-APPOĠĠ**

Se nagħtu wkoll allokazzjoni ta' 400,000 ewro lill-Aġenzija Sapport sabiex din ittejjeb il-kundizzjonijiet fir-residenzi għall-persuni b'diżabilità li tmexxi fil-Fgura, Ħal Kirkop, l-Imtarfa, Marsaskala u Bormla.

**SERVIZZI RESIDENZJALI**

Se niffaċilitaw l-espansjoni tas-servizzi residenzjali li tagħti l-Aġenzija Appoġġ billi nallokawlha 400,000 ewro oħra għal dan il-għan.

**ŻIEDA FL-*ALLOWANCE* TA' TFAL B'DIŻABILITÀ**

Bħalissa l-*allowance* li jingħataw it-tfal b'diżabilità hija ta' 16.31 ewro fil-ġimgħa. Din l-*allowance* li minnha jibbenifikaw 815 il-persuna se nżiduha għal 20 ewro fil-ġimgħa. Dan huwa sinjal konkret lil dawn il-familji li uliedhom huma prijorità għal dan il-Gvern.

**TNEĦĦIJA TAT-TAXXA TAT-TRASFERIMENT TAL-PROPRJETA` LIL PERSUNI B'DIŻABILITA`**

It-Taxxa tat-trasferiment *causa mortis* se titneħħa kompletament għal kull proprjetà li titħalla lill-persuni b'diżabilità f'każijiet *bona fide*. Il-Gvern irid li jaġevola t-tħassib tal-ġenituri ta' persuni b'diżabilità dwar meta dawn jiġu nieqsa. Għal dan il-għan ukoll, bdejna bl-istudji u tħejjijiet biex matul din il-leġiżlatura nwettqu l-proġett Soċjetà Ġusta fejn il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jserrħu moħħhom li uliedhom se jkunu qegħdin jiġu integrati fil-komunità fi djar residenzjali meta huma jiġu nieqsa.

## ŻVILUPP EKONOMIKU U XOGĦOL F'GĦAWDEX

Il-mira ewlenija tal-Gvern għal Għawdex hija li jinħoloq xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin.

F'dan il-baġit, qegħdin nallokaw kważi 37 miljun ewro għall-Ministeru t'Għawdex, li huwa żieda ta' aktar minn 8% fuq- l-allokazzjoni fl-aħħar baġit.

Il-Gvern qed iħejji qafas speċjali għall-investiment f'Għawdex li se jkun jinkludi inċentivi speċifiċi għal Għawdex. Saret ħidma sabiex naraw liema xogħlijiet fid-dipartimenti u entitajiet oħra jistgħu jiġu trasferiti għal Għawdex. Issa qed isiru t-tħejjijiet meħtieġa biex dawn jiġu trasferiti mingħajr dewmien. Fil-futur qrib, se niftħu fergħa tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika f'Għawdex.

Il-Gvern ippubblika wkoll sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-iżvilupp ta' *yacht marina/s* u *cruise liner passenger terminal* f'Għawdex sabiex dan ikompli jgawdi mit-tkabbir kontinwu ta' dan is-suq. Ir-risposta għal din is-sejħa kienet inkoraġġanti ħafna.

Se jitwaqqaf Kunsill Reġjonali taż-Żgħażagħ Għawdxin li għandu jagħti leħen effettiv liż-żgħażagħ Għawdxin.

### QORTI ĠDIDA F'GĦAWDEX

Ix-xogħol fuq il-proġett tal-bini ta' Qorti ġdid f'Għawdex, li se jiswa madwar 12-il miljun ewro, se jibda. Dan għandu jwassal biex jittaffew il-problemi ta' spazju u aċċessibbiltà fil-Qorti preżenti.

### DAR RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI

Biex tkompli titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, dħalna f'kuntratt mal-Kurja ta' Għawdex biex tinbena Dar Residenzjali għall-Anzjani flok Dar San Ġużepp li għandha takkomoda 140 persuna. Dan il-proġett se jiswa' 1.1 miljun ewro.

## NINĊENTIVAW L-OQSMA TAL-ISPORT U TAL-KULTURA

### ŻVILUPP FIL-QASAM SPORTIV

Il-Gvern se jsaħħaħ l-investiment fl-isports. L-isport se jingħata prijorità sabiex jiżviluppa l-kapaċitajiet individwali u titrawwem kultura sportiva minn età bikrija. Se tingħata, ukoll, prijorità lit-tisħiħ ta'dixxiplini sportivi inqas prattikati u se nsaħħu sport tradizzjonali.

### PROĠETTI KAPITALI SPORTIVI

Il-proġetti kapitali fl-isport se jingħataw prijorità. Dawn jinkludu l-*pitches* tal-*waterpolo* u tal-futbol f'Birżebbuġa, il-*canopy* fl-*Isports Pavilion* ta' Kordin, l-*upgrading* tal-Pixxina Nazzjonali u l-faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex. Għal dan il-għan qegħdin nallokaw is-somma ta' 2.5 miljun ewro.

### BOROŻ TA' STUDJU SPORTIVI

